

Rapport Speċjali

**Is-sistema tal-UE
għaċ-ċertifikazzjoni ta'
bijokarburanti sostenibbli**



IL-QORTI
EWROPEA
TAL-AWDITURI

IL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI
12, rue Alcide De Gasperi
1615 Luxembourg
LUXEMBOURG

Tel. +352 4398-1

Mistoqsijiet: eca.europa.eu/mt/Pages/ContactForm.aspx

Sit web: eca.europa.eu

Twitter: @EUAuditorsECA

Ħafna informazzjoni addizzjonali dwar l-Unjoni Ewropea hija disponibbli fuq l-Internet.
Jista' jsir aċċess għaliha permezz tas-server Europa (<http://europa.eu>).

Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2016

Print	ISBN 978-92-872-5257-9	ISSN 1831-0907	doi:10.2865/59555	QJ-AB-16-017-MT-C
PDF	ISBN 978-92-872-5228-9	ISSN 1977-5741	doi:10.2865/590812	QJ-AB-16-017-MT-N
EPUB	ISBN 978-92-872-5241-8	ISSN 1977-5741	doi:10.2865/27503	QJ-AB-16-017-MT-E

© L-Unjoni Ewropea, 2016

Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata kemm-il darba jissemma s-sors oriġinali.

Printed in Luxembourg

Rapport Speċjali

Is-sistema tal-UE għaċ-ċertifikazzjoni ta' bijokarburanti sostenibbli

(skont l-Artikolu 287(4), it-tieni subparagrafu, TFUE)

Ir-rapporti speċjali tal-QEA jippreżentaw ir-riżultati tal-awditj tal-prestazzjoni u tal-konformità tagħha f'dak li jirrigwarda oqsma baġitarji jew suġġetti ta' ġestjoni speċifiċi. Il-QEA tagħżel u tfassal dawn il-kompiti tal-awditjar biex timmas-simizza l-impatt tagħhom billi tqis ir-riskji għall-prestazzjoni jew għall-konformità, il-livell ta' introjtu jew ta' nfiq involut, l-iżviluppi li jkunu għad iridu jseħħu u l-interess politiku u pubbliku.

Dan l-awditu tal-prestazzjoni twettaq mill-Awla I tal-Awditjar — immexxija minn Kersti Kaljulaid, Membru tal-QEA — li tispeċjalizza fl-oqsma ta' nfiq ta' preżervazzjoni u ġestjoni tar-riżorsi naturali. L-awditu tmexxa mill-Membru tal-QEA Jan Kinšt, imbagħad mill-Membru tal-QEA Bettina Jakobsen fl-istadju finali tar-rapport; b'appoġġ minn Alejandro Ballester Gallardo, Kap tal-kabinett; Bernard Moya, attaché fil-Kabinett; Davide Lingua, Maniġer Prinċipali; Krzysztof Zalega, Kap tal-Kompitu; Paul Toulet-Morlane, Joao Nuno Coelho Dos Santos, Felipe Andres Miguelez, Zoltan Papp, u Paivi Piki, awdituri. Murielle Siffert iprovdiet assistenza segretarjali.



Mix-xellug għal-lemin: J. N. Coelho Dos Santos, B. Jakobsen, P. Toulet-Morlane, D. Lingua, A. Ballester Gallardo.

Paragrafu

Glossarju

I-X **Sommarju eżekuttiv**

1-17 **Introduzzjoni**

1-3 **Definizzjoni ta' bijokarburanti**

4-5 **Is-suq tal-bijokarburanti fl-UE**

6-17 **Il-bijokarburanti bħala sors ta' enerġija rinnovabbli fis-settur tat-trasport tal-UE**

6-9 **Mira ta' 10 % ta' enerġija rinnovabbli fit-trasport li għandha tintlaħaq sal-2020**

10-12 **Kriterji ta' sostenibbiltà għall-bijokarburanti**

13-17 **Ċertifikazzjoni ta' bijokarburanti sostenibbli minn skemi volontarji rikonoxxuti mill-Kummissjoni**

18-24 **Ambitu u approċċ tal-awditjar**

25-71 **Osservazzjonijiet**

25-49 **Il-qafas ta' valutazzjoni għar-rikonoxximent tal-Kummissjoni ma kienx jinkludi xi aspetti importanti dwar is-sostenibbiltà relatati mal-produzzjoni ta' bijokarburanti**

28-29 **Ma ġiex żgurati li r-rekwiżiti ambjentali tal-UE għall-agrikoltura jiġu rispettati**

30-33 **Kwistjonijiet ta' sostenibbiltà mhux obligatorji**

34-37 **Ma tqiesx l-impatt tat-tibdil indirett fl-użu tal-art (ILUC)**

38-42 **Verifikazzjoni fqira tal-oriġini ta' skart jew residwi użati għall-produzzjoni ta' bijokarburanti**

43-45 **Sa reċentement, bur b'bijodiversità għolja ma kienx protett b'mod konsistenti**

46-49 **Ma ngħatatx biżżejjed kunsiderazzjoni għat-trasparenza u l-governanza**

50-61 **Ma kienx hemm biżżejjed superviżjoni fuq l-iskemi volontarji**

50-56 **L-operat tal-iskemi ma kienx sorveljat b'mod adegwat...**

57-61 **... u t-titjib meħtieġ għall-proċeduri tagħhom ma ġiex infurzat b'mod xieraq**

62-71 **Huwa possibbli li l-istatistika tal-bijokarburanti ċċertifikati bħala sostenibbli gjet stmata b'mod eċċessiv...**

65-66 ... billi kienet tinkludi bijokarburanti li s-sostenibbiltà tagħhom ma gjetx ivverifikata

67-71 ... u billi l-oriġini tal-bijomassa użata għal bijokarburanti kkalkolati doppju ma gjetx ivverifikata b'mod suffiċjenti

72-80 **Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet**

Anness I — Karburanti u bijokarburanti fit-trasport - ktoe 2014

Anness II — Governanza ta' skemi volontarji

Anness III — Trasparenza ta' skemi volontarji

Anness IV — Ir-rekwiżiti ta' kundizzjonalità

Risposta tal-Kummissjoni

Awditjar indipendenti: L-awditjar ta' informazzjoni ppreżentata minn operaturi ekonomiċi. Jenħtiegħ li dan jivverifika li s-sistemi użati mill-operaturi ekonomiċi jkunu preċiżi, affidabbli u mħarsa kontra l-frodi. Awditjar indipendenti jitwettaq minn korpi taċ-ċertifikazzjoni.

Bijodiżil: Bijokarburant ibbażat fuq iż-żejt u tipikament prodott minn xaħmijiet veġetali, bħaż-żerriegħa tal-kolza, iż-żerriegħa tal-ġirasol, il-fażola tas-sojja, u ż-żejt tal-palm, u użat bħala addittiv tad-diżil f'vetturi bil-mutur.

Bijoetanol: Bijokarburant ibbażat fuq l-alkoħol, tipikament prodott minn għelejjel tal-lamtu u taz-zokkor bħal qamħ, qamħirrum, xgħir u pitravi taz-zokkor jew kannamiela, u użat bħala addittiv tal-petrol f'vetturi bil-mutur.

Bijokarburant: Kull karburant li jiġi prodott minn materja prima bbażata fuq il-pjanti jew l-annimali (imsejħha "bijomassa"). Iż-żewġ forom l-aktar komuni ta' bijokarburant huma l-bijoetanol u l-bijodiżil.

Bijokarburanti kkalkolati doppju: Bijokarburanti prodotti mill-iskart, ir-residwi, il-materjal ċellulożiku mhux tal-ikel, u l-materjal linjoċellulożiku li l-kontribut tagħhom għall-ilħuq tal-mira għall-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli fil-forom kollha ta' trasport, jitqies (huwa kkalkolat) bħala d-doppju tal-kontenut enerġetiku tagħhom.

Bijokarburanti konformi: Bijokarburanti li jikkonformaw mal-kriterji obbligatorji ta' sostenibbiltà tad-Direttiva RED.

Bijomassa: Il-bijomassa hija materja organika li tintuża għall-produzzjoni ta' bijokarburanti. Hija l-frazzjoni bijodegradabbli ta' prodotti, skart u residwi ta' oriġini bijoloġika mill-agrikoltura (inklużi sustanzi veġetali u mill-annimali), l-industriji forestali u industrijiet relatati inkluż is-sajd u l-akkwakultura, kif ukoll il-frazzjoni bijodegradabbli ta' skart industrijali u municijali.

Ċertifikat: Attestazzjoni minn korp taċ-ċertifikazzjoni indipendenti li operatur ekonomiku jikkonforma mar-rekwiżiti ta' sostenibbiltà għall-bijokarburanti stabbiliti bid-Direttiva RED.

Ċertifikazzjoni: Proċedura ta' spezzjoni (awditu taċ-ċertifikazzjoni) li permezz tagħha l-kundizzjonijiet għall-ħruġ ta' ċertifikat lil operatur ekonomiku jiġu vvalutati minn korp taċ-ċertifikazzjoni.

DĠ Enerġija: Id-Direttorat Ġenerali għall-Enerġija tal-Kummissjoni Ewropea responsabbli għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-politika tal-enerġija tal-UE.

Elementi tal-katina ta' provvista: Operaturi ekonomiċi bħal azjendi agrikoli/pjantaġġuni, l-ewwel punti ta' għbir, kummerċjanti/imħażen, unitajiet ta' konverżjoni (imtieħen, raffineriji, impjanti tal-ipproċessar), trasport, atturi fis-suq (dawk li jdaħħlu l-bijokarburanti sostenibbli fis-suq).

Eurostat: L-uffiċċju tal-istatistika tal-Unjoni Ewropea, li huwa Direttorat Ġenerali tal-Kummissjoni li jipprovdi lill-Unjoni Ewropea bl-istatistika fil-livell Ewropew li tippermetti li jsir paragun bejn il-pajjiżi u r-reġjuni.

GHG: Gassijiet serra. Gass serra huwa gass li jikkontribwixxi għall-effett serra naturali. Il-Protokoll ta' Kjoto jkopri grupp ta' sitt gassijiet serra li huma prodotti mill-attivitajiet tal-bniedem: id-diossidu tal-karbonju (CO₂), il-metan (CH₄), l-ossidu nitruż (N₂O), l-idrofluworokarburi (HFCs), il-perfluworokarbonji (PFCs), l-eżafuworur tal-kubrit (SF₆).

ILUC: Tibdil indirett fl-użu tal-art. Tibdil fl-użu tal-art li jseħħ *indirettament* b'riżultat ta' domanda spostata li qabel kienet iddestinata għas-suq tal-ikel/tal-għalf/tal-fibra b'riżultat tad-domanda għall-bijokarburanti.

Kalkolu doppju: Il-kontribut ta' bijokarburanti prodotti mill-iskart, ir-residwi u l-materjal ċellulożiku mhux tal-ikel għall-ilħuq tal-mira għall-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli fit-trasport, huwa kkalkolat bħala d-doppju tal-kontenut enerġetiku tagħhom.

Katina ta' kustodja / katina ta' provvista: Il-katina sħiħa ta' produzzjoni, mill-bidwi li jkabbar il-materja prima għall-produzzjoni ta' bijokarburanti sal-produttur jew il-kummerċjant tal-bijokarburanti. Ara: L-elementi tal-katina ta' provvista

Konsulent: Il-kuntrattur magħżul mill-Kummissjoni Ewropea biex jipprovdi valutazzjoni tal-iskemi volontarji lill-Kummissjoni bi tqabbil mar-rekwiżiti obbligatorji ta' sostenibbiltà stabbiliti bid-Direttiva RED, u li jipprovdi lill-Kummissjoni b'rapporti dwar l-impatt tal-produzzjoni ta' bijokarburanti fuq is-sostenibbiltà soċjali.

Korp taċ-Ċertifikazzjoni: Ditta indipendenti ta' spezzjoni (awditjar) li tipprovdi servizzi ta' ċertifikazzjoni għall-bijokarburanti. Korp taċ-ċertifikazzjoni jikkonkludi ftehim ma' skema volontarja dwar iċ-ċertifikazzjoni ta' operaturi ekonomiċi li jużaw is-sistema taċ-ċertifikazzjoni ta' skema volontarja. Korpi taċ-ċertifikazzjoni joħorġu ċertifikati f'isem l-iskemi volontarji.

Kriterji ta' sostenibbiltà: Kriterji għall-bijokarburanti ddefiniti bid-Direttiva RED u relatati mal-iffrankar ta' emissjonijiet ta' GHG, u mal-użu tal-art.

Ktoe: Kilo (elf) tunnellata tal-ekwivalenti taż-żejt. It-tunnellata tal-ekwivalenti taż-żejt (toe) tiddefinixxi l-valur kalorifiku ta' karburanti. Hija unità ta' enerġija ddefinita bħala l-ammont ta' enerġija rilaxxata mill-ħruq ta' tunnellata ta' żejt mhux raffinat. Ktoe tintuża mill-Eurostat biex tippreżenta l-użu rrapportat ta' bijokarburanti fit-trasport.

Kundizzjonalità: L-obbligu li bidwi jikkonforma ma' ċerti rekwiżiti statutorji ġenerali tal-ġestjoni li jikkonċernaw l-ambjent, is-saħħa pubblika, is-saħħa tal-annimali u tal-pjanti, l-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-annimali u l-benessri tal-annimali, kif ukoll ma' kundizzjonijiet agrikoli u ambjentali tajba.

Mira / "mira ta' 10 % fit-trasport": Il-mira kumplessiva tad-Direttiva RED għal kull Stat Membru biex jiġi żgurat li s-sehem ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli fil-forom kollha ta' trasport fl-2020 ikun mill-inqas 10 % tal-konsum finali ta' enerġija fit-trasport f'dak l-Istat Membru. Għall-kalkolu tas-sehem jistgħu jitqiesu biss il-bijokarburanti sostenibbli.

Operatur ekonomiku: Negozju li jipproduċi u/jew jinneozja bijomassa jew bijokarburanti. Operaturi ekonomiċi jridu juru li jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' sostenibbiltà, li jista' jsir skont sistema nazzjonali jew bl-użu ta' skemi volontarji. Operaturi ekonomiċi huma parti mill-katina ta' provvista tal-bijokarburanti.

PAK: Il-Politika Agrikola Komuni tal-Unjoni Ewropea.

Pjattaforma ta' Trasparenza: Pjattaforma online meħtieġa bid-Direttiva RED biex iżżid it-trasparenza, tiffaċilita u tippromwovi l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri, u biex tiġi ppubblikata informazzjoni rilevanti li l-Kummissjoni jew xi Stat Membru jikkunsidraw li tkun ta' importanza ċentrali għad-Direttiva RED u għall-ilħuq tal-oġġettivi tagħha.

RED: Id-Direttiva 2009/28/KE tal-Parlament Eropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli u li temenda u sussegwentement tħassar id-Direttivi 2001/77/KE u 2003/30/KE (ĠU L 140, 5.6.2009, p. 16).

Rikonoxximent: Approvazzjoni mill-Kummissjoni għal perjodu ta' ħames snin, ta' skema volontarja, wara li jiġi vvalutat li s-skema volontarja tkopri adegwament il-kriterji ta' sostenibbiltà, tapplika metodoloġija tal-bilanċ tal-massa, tissodisfa standards adegwati ta' affidabbiltà u ta' awditjar indipendenti, kif meħtieġ bid-Direttiva RED.

Sistema nazzjonali: Il-qafas legali stabbilit mill-Istati Membri biex jivverifikaw li l-operaturi ekonomiċi jikkonformaw mal-kriterji ta' sostenibbiltà tad-Direttiva RED.

Skema Volontarja: Sistema ta' ċertifikazzjoni tas-sostenibbiltà stabbilita biex tintwera konformità mal-kriterji ta' sostenibbiltà għall-bijokarburanti.

UCO: Żejt tat-tisjir użat – materja prima komuni li tintuża għall-produzzjoni ta' bijokarburant avanzat.

I
Id-“Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabli” (id-Direttiva RED) tirrikjedi li kull Stat Membru jiżgura li sal-2020 is-sehem ta’ enerġija minn sorsi rinnovabli użata fil-forom kollha ta’ trasport ikun mill-inqas 10 % tal-konsum finali ta’ enerġija fit-trasport. Fil-prattika, meta jitqies l-istadju attwali ta’ żvilupp tekniku u l-possibiltajiet li jintużaw enerġiji alternattivi fit-trasport, il-mira ta’ 10 % tista’ tinkiseb biss permezz ta’ użu sostanzjali ta’ bijokarburanti.

II
Il-bijokarburanti jarmu inqas gassijiet serra (GHG), b’mod partikolari CO₂, mill-karburanti fossili, minħabba li l-kwantità ta’ emissjoni ta’ karbonju matul il-kombustjoni hija ugwali biss għall-ammont li jassorbu l-pjanti sors huma u jikbru. Madankollu, is-sostenibbiltà tal-bijokarburanti bħala sors ta’ enerġija rinnovabli hija kompromessa minn emissjonijiet addizzjonali dovuti għal tibdil fl-użu tal-art.

III
Biex tiżgura li l-bijokarburanti li jiddaħħlu fis-suq tal-UE jkunu sostenibbli, id-Direttiva RED tistabbilixxi għadd ta’ kriterji ta’ sostenibbiltà li għandhom jiġu rispettati mill-operaturi ekonomiċi. Barra minn hekk, huma biss il-bijokarburanti li jiġu ċċertifikati bħala sostenibbli li jistgħu jittieħdu inkunsiderazzjoni mill-Istati Membri għall-ilħuq tal-mira ta’ 10 % fit-trasport. Is-sostenibbiltà tal-biċċa l-kbira mill-bijokarburanti li jiddaħħlu fis-suq tal-UE tiġi ċċertifikata minn skemi volontarji li huma rikonossuti mill-Kummissjoni. Id-deċiżjonijiet ta’ rikonossiment huma validi għal ħames snin u jinħarġu wara li ssir valutazzjoni pożittiva tal-proċeduri ta’ ċertifikazzjoni tal-iskemi.

IV
L-awditu indirizza l-mistoqsija “Il-Kummissjoni u l-Istati Membri stabbilew sistema taċ-ċertifikazzjoni affidabbli għall-bijokarburanti sostenibbli?” Aħna nikkonkludu li, minħabba fi dgħufijiet fil-proċedura ta’ rikonossiment tal-Kummissjoni u fis-supervizzjoni sussegwenti tal-iskemi volontarji, is-sistema taċ-ċertifikazzjoni tal-UE għas-sostenibbiltà tal-bijokarburanti mhjex kompletament affidabbli.

V
Aħna sibna li l-valutazzjonijiet li twettqu mill-Kummissjoni bħala bażi għar-rikonossiment ta’ skemi volontarji ma koprewx adegwament xi aspetti importanti meħtieġa biex tiġi żgurata s-sostenibbiltà tal-bijokarburanti. B’mod partikolari, il-Kummissjoni ma kienetx li l-iskemi volontarji jivverifikaw li l-produzzjoni ta’ bijokarburanti li huma jiċċertifikaw ma tikkawżax riskji sinifikanti ta’ effetti soċjoekonomiċi negattivi, bħal kunflitti dwar il-pussess ta’ art, xogħol tat-tfal/xogħol furzat, kundizzjonijiet tax-xogħol ħżiena għall-bdiewa, perikli għas-saħħa u s-sikurezza. B’mod simili, l-impatt ta’ tibdil indirett fl-użu tal-art (ILUC) fuq is-sostenibbiltà tal-bijokarburanti mhuwiex kopert minn din il-valutazzjoni. Għalkemm aħna nirrikonossu d-diffikultajiet tekniċi fil-valutazzjoni tal-impatt tal-ILUC, ir-rilevanza tas-sistema tal-UE għaċ-ċertifikazzjoni tas-sostenibbiltà tkun imminata mingħajr din l-informazzjoni.

VI

Barra minn hekk, il-Kummissjoni ħarġet deċiżjonijiet ta' rikonoxximent lil skemi volontarji li ma kellhomx proċeduri ta' verifikazzjoni xierqa biex jiżguraw li l-oriġini tal-bijokarburanti prodotti mill-iskart kien tabilħaqq l-iskart, jew li, kif meħtieġ bid-Direttiva RED, il-materji prima għall-bijokarburanti li jiġu kkultivati fl-Unjoni Ewropea jissodisfaw ir-rekwiżiti ambjentali tal-UE għall-agrikoltura.

VII

Xi skemi rikonoxxuti ma kinux trasparenti biżżejjed jew kellhom strutturi ta' governanza li kienu jikkonsistu f'rappreżentanti minn ftit operaturi ekonomiċi biss, biex b'hekk dawn żiedu r-riskju ta' kunflitt ta' interess u ma ppermettewx li ssir komunikazzjoni effettiva ma' partijiet interessati oħra.

VIII

Il-Kummissjoni ma tissorveljax il-funzjonament ta' skemi volontarji rikonoxxuti. Billi d-deċiżjoni ta' rikonoxximent tinħareġ abbażi ta' analiżi dokumentarja tal-proċeduri ta' ċertifikazzjoni, in-nuqqas ta' superviżjoni jfisser li l-Kummissjoni ma tistax tikseb aċċertament li l-iskemi volontarji verament japplikaw l-istandards ta' ċertifikazzjoni ppreżentati għar-rikonoxximent. Barra minn hekk, il-Kummissjoni ma għandha ebda mod kif taqbad ksur allegat tar-regoli ta' skema volontarja billi ma hemmx stabbilita sistema speċifika għal ilmenti u l-Kummissjoni ma tivverifikax jekk l-ilmenti indirizzati direttament lill-iskemi volontarji jiġux ittrattati b'mod korrett minnhom.

IX

Rigward l-ilħuq tal-mira ta' 10 % fit-trasport, l-Istati Membri huma responsabbli biex jiżguraw li l-istatistika dwar il-bijokarburanti sostenibbli li tiġi rappurtata lill-Kummissjoni tkun affidabbli. Aħna sibna li din l-istatistika tista' tkun stmata b'mod eċċessiv, minħabba li l-Istati Membri jistgħu jirrappurtaw bħala sostenibbli ċertu bijokarburanti li s-sostenibbiltà tagħhom ma tkunx ġiet ivverifikata. Kien hemm ukoll problemi bil-komparabbiltà tad-*data* rappurtata mill-Istati Membri.

X

Ibbażat fuq l-osservazzjonijiet tal-awditjar, il-Qorti tifformula r-rakkomandazzjonijiet li ġejjin.

1. Għal rikonoxximenti futuri, jenħtieġ li l-Kummissjoni twettaq valutazzjoni aktar komprensiva tal-iskemi volontarji biex tiżgura li l-iskemi:
 - (i) Jivvalutaw il-punt sa fejn il-produzzjoni ta' bijokarburanti ċċertifikati tinvolvi riskju sinifikanti ta' effetti soċjoekonomiċi negattivi u ta' ILUC. Għal dan l-iskop, jenħtieġ li l-Kummissjoni tirrikjedi li l-iskemi volontarji jirrappurtaw darba fis-sena, ibbażat fuq l-attivitajiet ta' ċertifikazzjoni tagħhom, kwalunkwe informazzjoni rilevanti li tkun tikkonċerna r-riskju msemmi hawn fuq.
 - (ii) Jivverifikaw b'mod effettiv li l-produtturi ta' materja prima għall-bijokarburanti fl-UE jikkonformaw mar-rekwiżiti ambjentali tal-UE għall-agrikoltura.
 - (iii) Jipprovdu evidenza suffiċjenti tal-oriġini tal-iskart u r-residwi li jintużaw għall-produzzjoni ta' bijokarburanti.

2. Għal rikonoxximenti futuri, jenħtieġ li l-Kummissjoni tivvaluta jekk il-governanza tal-iskemi volontarji tnaqqasx ir-riskju ta' kunfitt ta' interess u titlob li l-iskemi volontarji jiżguraw it-trasparenza.
3. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tissorvelja l-iskemi volontarji rikonoxxuti billi:
 - (i) Tiċċekkja li l-operazzjonijiet ta' ċertifikazzjoni tal-iskemi jikkonformaw mal-istandards ippreżentati għar-rikonoxximent.
 - (ii) Titlob li l-iskemi volontarji jistabbilixxu sistema trasparenti għal ilmenti.
4. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tipproponi li l-Istati Membri jappoġġaw l-istatistika tagħhom b'evidenza dwar l-affidabbiltà tal-kwantitajiet ta' bijokarburanti rrappurtati.
5. Biex tiżgura l-komparabbiltà tal-istatistika dwar bijokarburanti sostenibbli u biex iżżid l-aċċertament dwar l-affidabbiltà tad-*data* dwar bijokarburanti avvanzati, jenħtieġ li l-Kummissjoni tipproponi lill-Istati Membri li ssir armonizzazzjoni tad-definizzjoni ta' sustanzi ta' skart.

Definizzjoni ta' bijokarburanti

01

Il-bijokarburanti jarmu inqas gassijiet serra (GHG), b'mod partikolari CO₂, mill-karburanti fossili, minħabba li l-ammont ta' emissjoni ta' karbonju matul il-kombustjoni tal-bijokarburant jiġi assorbit meta l-materja prima tkun qed tikber (il-materjali sors - il-pjanti jassorbu d-diossidu tal-karbonju huma u jikbru)¹. Madankollu, din l-ekwazzjoni taħdem biss jekk ma jkunx hemm emissjonijiet addizzjonali dovuti għat-tibdil fl-użu tal-art, li jista' jkun dirett (pereżempju, foresta tiġi mibdula f'art agrikola b'telf ta' karbonju maħżun) jew indirett (biex jiġi kkompensat l-użu ta' għelejjel għall-ikel, għall-produzzjoni ta' bijokarburanti, tkun trid tiġi kkultivata aktar art biex il-provvista tal-ikel tiġi żgurata); dan ifisser li, minbarra l-emissjonijiet ta' GHG dovuti għall-kultivazzjoni ta' għelejjel għall-bijokarburanti, jiġu kkawżati emissjonijiet addizzjonali minħabba r-reklamazzjoni u l-kultivazzjoni ta' żoni ġodda għall-għelejjel għall-ikel. Il-kompetizzjoni mal-produzzjoni tal-ikel ma teżistix fil-każ ta' bijokarburanti prodotti minn skart, residwi jew minn bijomassa mhux tal-ikel.

02

Il-bijokarburanti huma definiti fil-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni Ewropea bħala "karburant likwidu jew gassuż għat-trasport prodott mill-bijomassa"², jiġifieri minn prodotti, skart jew residwi agrikoli, forestali jew tas-sajd li huma bijodegradabbli jew minn skart industrijali u municijali li huwa bijodegradabbli. Fil-preżent, l-uniċi bijokarburanti li huma prodotti u użati fi kwantitajiet rilevanti fl-UE huma l-bijogażolina (inkluż il-bižoetanol) u l-bijodiżil.

03

Abbażi tal-materja prima użata, il-bijokarburanti jistgħu jissejtnu:

- Bijokarburanti konvenzjonali (tal-ewwel ġenerazzjoni), li jiġu prodotti prinċipalment minn għelejjel agrikoli li huma wkoll għelejjel għall-ikel jew għall-għalf (jiġifieri għall-konsum mill-bniedem jew mill-annimali, eż. ċereali, kannamiela, pitravi u kolza).
- Bijokarburanti avvanzati (tat-tieni ġenerazzjoni u tat-tielet ġenerazzjoni), li jiġu prodotti minn materji prima, bħal skart jew residwi, li ma jikkompetux direttament mal-għelejjel għall-ikel u għall-għalf.

- 1 Li jfisser li l-emissjonijiet ta' gassijiet serra, b'mod partikolari ta' CO₂, rilaxxati meta l-bijomassa tiġi kkonvertita f'enerġija (kombustjoni tal-bijokarburant) huma ekwivalenti għall-ammont ta' CO₂ li jiġi assorbit mill-pjanti matul iċ-ċikli veġetattivi tagħhom.
- 2 L-Artikolu 2(i) tad-Direttiva 2009/28/KE (RED) u l-Artikolu 2(9) tad-Direttiva 98/70/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 1998 dwar il-kwalità tal-karburanti tal-petrol u tad-diżil u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 93/12/KEE (ĠU L 350, 28.12.1998, p. 58).

Is-suq tal-bijokarburanti fl-UE

04

Skont id-*data* tal-Eurostat³, fl-2014 it-total tal-bijokarburanti użati fl-Unjoni Ewropea ammonta għal 14 370 ktoe (elf tunnellata tal-ekwivalenti taż-żejt), magħmul minn 11 367 ktoe ta' bijodiżil (madwar 4 % tat-total tal-karburant għat-trasport) u 2 637 ktoe ta' bijogażolina (madwar 0.9 % tat-total tal-karburant għat-trasport) (ara l-**Annex I**). L-aktar *data* reċenti ppubblikata mill-Kummissjoni⁴ turi li fl-2012, 79 % tal-bijodiżil u 71 % tal-bijoetanol ikkunsmati fl-UE ġew prodotti ġewwa l-UE. L-importazzjonijiet ġew primarjament mill-Arġentina u mill-Indoneżja għall-bijodiżil, u mill-Istati Uniti u mill-Brażil għall-bijoetanol.

05

Fl-2012, l-erja agrikola totali meħtieġa għall-produzzjoni ta' materja prima għall-bijokarburanti kkunsmati fl-UE ammontat għal 7.8 miljun ettaru, li kienet magħmula minn 4.4 miljun ettaru fl-UE (3 % tat-total tar-raba' fl-UE) u 3.5 miljun ettaru barra mill-UE⁵. L-użu ta' għelejjel bħall-qamħirrun, il-qamħ, il-pitravi taz-zokkor jew il-kannamiela għall-produzzjoni ta' bijokarburanti qajjem tħassib fost il-pubbliku dwar ir-riskju li għelejjel u art agrikola jibdew jintużaw għall-produzzjoni tal-bijokarburanti minflok tal-ikel.

Il-bijokarburanti bħala sors ta' enerġija rinnovabbli fis-settur tat-trasport tal-UE

Mira ta' 10 % ta' enerġija rinnovabbli fit-trasport li għandha tintlaħaq sal-2020

06

Id-Direttiva 2009/28/KE dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli (id-*"Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli"*, minn hawn 'il quddiem: *"id-Direttiva RED"*) hija parti mill-pakkett tal-UE dwar l-enerġija u t-tibdil fil-klima⁶, li ġie adottat mill-Kunsill fis-6 ta' April 2009. Pakkett ġdid dwar l-enerġija rinnovabbli, inkluża l-politika dwar is-sostenibbiltà tal-bijoenerġija għall-2030, għandu jiġi preżentat sal-2017.⁷

- 3 It-tabelli tal-Eurostat "ISHMA għall-2014", riżultati u riżultati dettaljati, ara wkoll l-**Annex I** għal dan ir-rapport.
- 4 COM(2015) 293 final tal-15 ta' Ġunju 2015 "Rapport dwar il-Progress fl-Enerġija Rinnovabbli".
- 5 SWD(2015) 177 final tal-15 ta' Ġunju 2015 "Technical assessment of the EU biofuels sustainability and feasibility of 10 % renewable energy in transport" (Valutazzjoni teknika tas-sostenibbiltà u l-fattibbiltà tal-bijokarburanti fl-UE għal 10 % ta' enerġija rinnovabbli fit-trasport), p. 3.
- 6 Il-pakkett għall-2020 huwa sett ta' leġiżlazzjoni vinkolanti, ara http://ec.europa.eu/clima/policies/strategies/2020/index_en.htm
- 7 COM(2015) 572 final tat-18 ta' Novembru 2015 "L-Istat tal-Unjoni tal-Enerġija 2015".

07

Id-Direttiva RED tirrikjeddi li l-UE tkopri mill-inqas 20 % tal-konsum finali tagħha tal-enerġija b'enerġija minn sorsi rinnovabbli sal-2020. Barra minn hekk, id-Direttiva RED tistabbilixxi li kull Stat Membru għandu "jiżgura li s-sehem ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli fil-forom kollha ta' trasport fl-2020 huwa mill-inqas 10 % tal-konsum finali ta' enerġija fit-trasport f'dak l-Istat Membru"⁸. Dik il-mira tista' tintlaħaq biż-żieda tal-użu ta' elettriku u ta' enerġiji alternattivi minn sorsi rinnovabbli fit-trasport u inkorporazzjoni ta' bijokarburanti ma' karburanti fossili. Fil-prattika, meta jitqies l-istadju attwali ta' żvilupp tekniku u l-possibiltajiet li jintuża elettriku minn sorsi rinnovabbli jew enerġiji alternattivi oħra fit-trasport, il-mira ta' 10 % għat-trasport tista' tintlaħaq biss permezz ta' użu sostanzjali ta' bijokarburanti. Fl-2014 ir-rata ta' inkorporazzjoni ta' bijokarburanti fil-karburanti użati għat-trasport fl-Unjoni Ewropea kienet ta' madwar 5 %⁹.

08

Billi l-bijokarburanti magħmula minn għelejjel agrikoli jikkompetu mal-produzzjoni tal-ikel, fl-2015 il-leġiżlatur Ewropew introduċa¹⁰ limitu massimu ta' 7 % għall-kontribut li bijokarburanti prodotti minn għelejjel għall-ikel ikollhom għall-mira ta' 10 % fit-trasport, li għandha tintlaħaq sal-2020.

09

Kif ġie nnutat aktar kmieni, il-kompetizzjoni mal-produzzjoni tal-ikel ma teżistix fil-każ ta' bijokarburanti prodotti minn skart, residwi jew minn bijomassa mhux tal-ikel. Għalhekk, id-Direttiva RED tistipula li jenħtieġ li l-kontribut tagħhom għall-ilfuq tal-mira tal-UE ta' 10 % fit-trasport jingħadd bħala doppju. Dan ifisser li l-Istati Membri jistgħu, teoretikament, jissodisfaw il-mira ta' 10 %, b'5 % tal-bijokarburanti prodotti minn materjal linjoċellulożiku, materjal ċellulożiku mhux tal-ikel, skart jew residwi. Skont l-istatistika tal-Eurostat għall-2014, is-sehem ta' bijokarburanti, ibbażat fuq kalkolu doppju, fl-użu totali ta' bijokarburanti fit-trasport li ġie rrappurtat għall-Istati Membri kollha, kien ta' madwar 20 % (ara l-**Anness I**).

- 8 L-Artikolu 3(4) tad-Direttiva RED.
- 9 Il-Barometru tal-Bijokarburanti. Euroobserver, Lulju 2015.
- 10 Id-Direttiva (UE) 2015/1513 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Settembru 2015 li temenda d-Direttiva 98/70/KE dwar il-kwalità tal-karburanti tal-petrol u tad-diżil u li temenda d-Direttiva 2009/28/KE dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli (ĠU L 239, 15.9.2015, p. 1).

Kriterji ta' sostenibbiltà għall-bijokarburanti

10

Biex timmitiga l-effetti ambjentalment negattivi tat-tibdil dirett fl-użu tal-art (ara l-paragrafu 1), id-Direttiva RED tistabblixxi li l-bijokarburanti jridu jikkonformaw ma' għadd ta' kriterji ta' sostenibbiltà, stipulati fil-**Kaxxa 1**. Id-Direttiva RED tirreferi wkoll għal kwistjonijiet oħra li jistgħu jaffettwaw is-sostenibbiltà tal-bijokarburanti, bħall-effetti soċjoekonomiċi potenzjali b'effett negattiv (jiġifieri kunflitti dwar il-pussess ta' art, xogħol tat-tfal/xogħol furzat, kundizzjonijiet tax-xogħol ħżiena, eċċ.), emissjonijiet ta' GHG kkawżati mit-tibdil indirett fl-użu tal-art, prevenzjoni ta' frodi, u trasparenza fir-rigward tal-produzzjoni ta' bijokarburanti.

Kaxxa 1

Kriterji ta' sostenibbiltà stipulati fl-Artikolu 17(2) sa 17(6) tad-Direttiva RED

- (a) L-iffrankar ta' emissjonijiet ta' gassijiet b'effett serra mill-użu ta' bijokarburanti jrid ikun mill-inqas 35 %.
- (b) Il-bijokarburanti ma għandhomx isiru minn materja prima miksuba minn art b'valur għoli ta' bijodiversità (jiġifieri foresta primarja u art oħra bis-siġar, żona ta' natura protetta, art bil-ħaxix (bur) b'bijodiversità għolja).
- (c) Il-bijokarburanti ma għandhomx isiru minn materja prima miksuba minn art b'ħażna għolja ta' karbonju (jiġifieri art mistagħdra, żona fforestata, art bil-peat (torbiera)).
- (d) Materja prima agrikola kkultivata fl-UE u użata għall-produzzjoni ta' bijokarburanti għandha tirrispetta r-rekwiżiti minimi għal kundizzjonijiet agrikoli u ambjentali tajbin u xi rekwiżiti statutorji tal-ġestjoni li huma ddefiniti fil-PAK.

11

Huma biss il-bijokarburanti sostenibbli li jistgħu jittieħdu inkunsiderazzjoni għall-ilħuq tal-mira ta' 10 % fit-trasport. Hija r-responsabbiltà tal-Istati Membri li jiżguraw li l-ammonti ddikjarati jkunu sostnuti b'ċertifikati validi, u li jiġbru u jibagħtu din id-*data* lill-Eurostat. Biex jiżguraw li l-bijokarburanti li jiddaħħlu fis-suq tal-UE jkunu sostenibbli, l-Istati Membri jridu jeħtieġu li l-operaturi ekonomiċi fil-katina ta' provvista tal-bijokarburanti juru li l-kriterji ta' sostenibbiltà ġew issodisfati¹¹. L-operaturi jistgħu juru li l-konsenji tagħhom ta' bijokarburanti jikkonformaw mal-kriterji ta' sostenibbiltà billi jissodisfaw ir-rekwiżiti tas-sistemi nazzjonali ta' kontroll jew billi jagħmlu użu mill-iskemi volontarji rikonoxxuti mill-Kummissjoni¹².

11 L-Artikolu 18(3) tad-Direttiva RED.

12 L-Artikolu 18(4) tad-Direttiva RED.

12

B'mod ġenerali, is-sistemi nazzjonali jeħtieġu jew jaċċettaw, bħala prova tas-sostenibbiltà, iċ-ċertifikati li jinħarġu taħt l-iskemi volontarji li huma rikonoxxuti mill-Kummissjoni. Kumplessivament, is-sistemi nazzjonali kollha jinkludu l-użu ta' skemi volontarji rikonoxxuti, u normalment bosta skemi volontarji joperaw f'kull Stat Membru. Għalhekk, l-iskemi volontarji jiċċertifikaw il-biċċa l-kbira mill-bijokarburanti sostenibbli li jiddaħħlu fis-suq tal-UE.

Ċertifikazzjoni ta' bijokarburanti sostenibbli minn skemi volontarji rikonoxxuti mill-Kummissjoni

13


Skema volontarja hija sistema taċ-ċertifikazzjoni għas-sostenibbiltà tal-bijokarburanti. Fil-biċċa l-kbira, skemi volontarji jiġu stabbiliti minn entitajiet immexxija privatament. Ħafna skemi volontarji ġew żviluppati minn gruppi ta' operaturi ekonomiċi u minn partijiet interessati oħra ("gruppi ta' sħab" jew konsorzji). Hemm ukoll skemi volontarji żviluppati minn produtture tal-bijokarburant. L-iskemi volontarji jistgħu japplikaw kriterji li huma aktar stretti mill-kriterji tad-Direttiva RED u kriterji addizzjonali, pereżempju kriterji soċjali jew kriterji li jkunu adattati għall-kundizzjonijiet lokali, kif ukoll kriterji għall-promozzjoni tal-aħjar prattiki agrikoli. Dawn jistgħu jieħdu inkunsiderazzjoni wkoll aspetti addizzjonali dwar is-sostenibbiltà bħall-protezzjoni tal-ħamrija, tal-ilma u tal-arja.

14

Għall-iskop taċ-ċertifikazzjoni, jenħtieġ li l-katina sħiħa ta' produzzjoni mill-bidwi li jkabbar il-materja prima sal-produttur tal-bijokarburant, tiġi ċċekkjata. Biex iwettqu l-kontrolli, l-iskemi volontarji jiddependu fuq awdituri indipendenti (jiġifieri "korpi taċ-ċertifikazzjoni", li huma persuni fiżiċi jew ġuridiċi), li jiċċertifikaw li l-operaturi ekonomiċi jikkonformaw mal-kriterji ta' sostenibbiltà, f'isem skema volontarja skont kuntratt li jkun ġie konkluż ma' dik l-iskema. L-awdituri tal-korpi taċ-ċertifikazzjoni jistgħu jwettqu kontrolli, kemm dokumentarji kif ukoll fuq il-post, fuq bdiewa, l-ewwel punti ta' ġbir tal-bijomassa, imħażen, imtieħen taż-żejt, impjanti tal-bijokarburanti u kummerċjanti tal-bijomassa jew tal-bijokarburanti (Ara l-**Figura 1**).

Figura 1

Ċertifikazzjoni taħt Skemi Volontarji (SV)



Nota: SV – skema volontarja; KtĊ – korp taċ-ċertifikazzjoni.

Sors: Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri.

15

L-operatur li jipproduċi l-bijomassa jew il-bijokarburanti jħallas l-ispejjeż taċ-ċertifikazzjoni lill-korp taċ-ċertifikazzjoni u t-tariffi lill-iskemi volontarja u jikseb ċertifikat li jkollu l-logo tal-iskema volontarja. Kull operatur ekonomiku fil-katina tal-kultivazzjoni u l-konverżjoni tal-bijomassa għal bijokarburanti għandu jipprovdi, lix-xerrejja tal-bijomassa jew lix-xerrejja tal-bijokarburanti, informazzjoni dwar iċ-ċertifikat li huwa jkun kiseb, u l-karatteristiċi ta' sostenibbiltà tal-prodotti li huwa jforni.

16

Meta operatur ekonomiku jiġi ċertifikat minn skema volontarja rikonoxxuta, Stat Membru jista' ma jirrikjedix aktar evidenza ta' konformità mal-kriterji ta' sostenibbiltà¹³. Għalhekk, ċertifikat li jinħareġ minn skema volontarja rikonoxxuta huwa validu fl-Istati Membri kollha tal-UE. L-iskemi volontarji rikonoxxuti jiċċertifikaw il-bijomassa li tiġi prodotta fl-UE kif ukoll dik importata minn pajjiżi terzi.

17

Ir-responsabbiltà tal-Kummissjoni hija r-rikonoxximent ta' skemi volontarji. Il-Kummissjoni għandha wkoll il-possibiltà li tħassar id-deċiżjonijiet ta' rikonoxximent f'każ li skema ma timplimentax l-elementi kollha li fuqhom tkun ġiet ibbażata d-deċiżjoni. Id-deċiżjonijiet ta' rikonoxximent huma validi għal perjodu ta' ħames snin. L-ewwel deċiżjoni ta' rikonoxximent inħarġet fl-2011. Sa Diċembru 2015 il-Kummissjoni kienet irrikonoxxiet 19-il skema volontarja (ara l-**Anness II**)¹⁴.

13 L-Artikolu 18(7) tad-Direttiva RED.

14 Ara l-Artikolu 2(2) ta' kull deċiżjoni ta' rikonoxximent.

18

Fid-dawl tar-rwol ewlieni li l-iskemi volontarji għandhom għall-verifikazzjoni tas-sostenibbiltà tal-bijokarburanti, huwa essenzjali li l-Kummissjoni tiżgura li jiġu rikonoxxuti biss skemi volontarji affidabbli. Għalhekk, l-awditu ffoka fuq il-proċedura applikata mill-Kummissjoni għar-rikonoxximent ta' skemi volontarji (jiġifieri l-qafas ta' valutazzjoni għar-rikonoxximent).

19

Barra minn hekk, billi huma biss il-bijokarburanti sostenibbli li jistgħu jittieħdu inkunsiderazzjoni għall-ilħuq tal-mira tal-UE ta' 10 % fit-trasport, huwa essenzjali li tinġabar *data* affidabbli dwar il-kwantitajiet ta' bijokarburanti sostenibbli ċċertifikati li jiddaħħlu fis-suq f'kull Stat Membru. Għalhekk, suġġett ieħor tal-awditu kien li jiġi eżaminat jekk id-*data* miġbura mill-Istati Membri u ppreżentata lill-Eurostat rigward is-sehem ta' bijokarburanti sostenibbli fit-trasport kinitx affidabbli.

20

Il-mistoqsija prinċipali tal-awditjar kienet din li ġejja:

Il-Kummissjoni u l-Istati Membri stabbilew sistema taċ-ċertifikazzjoni affidabbli għall-bijokarburanti sostenibbli?

21

Il-mistoqsija prinċipali tal-awditjar inqasmet fit-tliet submistoqsijiet li ġejjin:

- Ir-rikonoxximent ta' skemi volontarji mill-Kummissjoni jiżgura li l-bijokarburanti ċċertifikati huma sostenibbli?
- Il-Kummissjoni tiżgura li l-iskemi volontarji rikonoxxuti joperaw kif intenzjonat?
- Id-*data* nazzjonali relatata mas-sehem ta' bijokarburanti fit-total tal-karburanti użati fit-trasport hija affidabbli?

22

L-awditu twettaq bejn Mejju u Novembru 2015 u kopra l-valutazzjonijiet għar-rikonoxximent tal-Kummissjoni mill-2011 sal-2015. Fil-Kummissjoni, l-awditu kopra l-proċeduri tal-offerti li ġew applikati għall-għażla tal-konsulent estern li kellu jassisti lill-Kummissjoni fil-valutazzjoni tal-iskemi volontarji, il-valutazzjoni u r-rikonoxximent tal-iskemi volontarji, u s-superviżjoni sussegwenti ta' skemi volontarji mill-Kummissjoni.

Ambitu u approċċ tal-awditjar

23

Aħna żorna wkoll erba' Stati Membri (il-Ġermanja, Franza, il-Polonja u r-Renju Unit). Dawn l-Istati Membri ntgħażlu minħabba li huma jipproduċu u/jew jikkunsmaw l-akbar volumi ta' bijokarburanti. Fl-Istati Membri miżjura l-awditu ffoka fuq is-sistemi użati għall-għbir u l-verifikazzjoni taċ-ċifri dwar l-użu ta' bijokarburanti sostenibbli li l-Istati Membri jirrappurtaw, għall-pubblikazzjoni fl-istatistika tal-Eurostat.

24

Skemi volontarji u l-korpi taċ-ċertifikazzjoni relatati ma jibbenefikaw minn ebda inċiż tal-UE u għalhekk mhumiex suġġetti għall-awditjar mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri. Konsegwentement, aħna ma konniex f'pożizzjoni li neżaminaw jekk l-iskemi volontarji rikonoxxuti operawx b'mod effettiv u jekk iċ-ċertifikati tagħhom tas-sostenibbiltà kinux affidabbli. Madankollu, l-operaturi tal-iskemi aċċettaw li jipprovdu fehim approfondit tal-attivitajiet u tal-organizzazzjoni tagħhom matul iż-żjarat ta' informazzjoni li twettqu mill-awdituri tal-Qorti. Aħna għamilna wkoll żjarat simili lil operaturi ċertifikati fil-katina ta' produzzjoni tal-bijokarburanti.

Il-qafas ta' valutazzjoni għar-rikonoxximent, tal-Kummissjoni, ma kienx jinkludi xi aspetti importanti dwar is-sostenibbiltà relatati mal-produzzjoni ta' bijokarburanti

25

Minħabba li volum kbir ta' bijokarburanti jiġi ċċertifikat minn skemi volontarji u li huma biss l-iskemi volontarji rikonoxxuti mill-Kummissjoni li jistgħu jipproduċu ċċertifikati validi tas-sostenibbiltà, huwa essenzjali li d-deċiżjonijiet ta' rikonoxximent ikunu bbażati fuq valutazzjoni, kompleta u magħmula bir-reqqa, tal-istandards ta' ċċertifikazzjoni u tal-governanza tal-iskemi volontarji. Barra minn hekk, biex jiġi żgurat li l-iskemi volontarji jiċċertifikaw bijokarburanti li jkunu verament sostenibbli, jenħtieġ li l-proċess ta' rikonoxximent jinkludi valutazzjoni tal-aspetti kollha dwar is-sostenibbiltà li jkunu rilevanti, u li huma marbuta mal-produzzjoni ta' bijokarburanti.

26

Kif ġie nnutat qabel, il-valutazzjonijiet tal-Kummissjoni ta' skemi volontarji twettqu minn kuntrattur estern f'isem il-Kummissjoni, ibbażat fuq proċeduri li kienu ġew maqbula minn qabel mill-Kummissjoni (il-qafas ta' valutazzjoni għar-rikonoxximent). L-għażla tal-kuntrattur estern mill-Kummissjoni kienet ibbażata fuq kriterji sodi u, kumplessivament, kienet tikkonforma mad-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni. L-eżaminar tal-valutazzjonijiet ta' erba' skemi volontarji, li saru mill-konsulent, juri li dawn applikaw b'mod korrett il-qafas ta' valutazzjoni li kien ġie maqbul mal-Kummissjoni.

27

Aħna eżaminajna wkoll jekk il-qafas ta' valutazzjoni għar-rikonoxximent kopriex bir-reqqa s-sostenibbiltà tal-produzzjoni ta' bijokarburanti. Aħna sibna li l-qafas jivvaluta biss il-kriterji obbligatorji ta' sostenibbiltà li huma fid-Direttiva RED. Għalhekk, aspetti importanti oħra, li huma meħtieġa biex tiġi żgurata s-sostenibbiltà tal-bijokarburanti, ma kinux koperti mill-valutazzjoni.

Ma ġiex żgurat li r-rekwiżiti ambjentali tal-UE għall-agrikoltura jiġu rispettati

28

Id-Direttiva RED tistabbilixxi bħala kriterju ta' sostenibbiltà¹⁵ għall-materji prima li jiġu kkultivati fl-Unjoni Ewropea, il-ħtieġa li jiġu ssodisfati r-rekwiżiti ambjentali u l-kundizzjonijiet agricoli u ambjentali li huma definiti fil-PAK¹⁶. Aħna sibna li, qabel tat ir-rikonoxximent, il-Kummissjoni ma vverifikatx jekk l-iskemi volontarji kinux iċċekkjaw jekk il-produtturi ta' materja prima għall-bijokarburanti (il-bdiewa) jirrispettawx dawk il-kundizzjonijiet u r-rekwiżiti. B'riżultat ta' dan, aħna sibna li fi tlieta mill-erba' skemi volontarji eżaminati, l-istandards tagħhom ma kinux jippermettu li ssir verifikazzjoni effettiva u komprensiva ta' jekk dak il-kriterju ta' sostenibbiltà kienx qed jiġi ssodisfat. Dawk l-iskemi qagħdu fuq kontrolli mwettqa minn awtoritajiet nazzjonali fi ħdan il-qafas tal-PAK, iżda ma kellhomx aċċess għar-riżultati ta' dawn il-kontrolli (ara l-**Kaxxa 2**).

15 L-Artikoli 17(1) u 17(6) tad-Direttiva RED.

16 Dawn ir-rekwiżiti u l-kundizzjonijiet jagħmlu parti minn dawk li huma magħrufa bħala obbligi ta' kundizzjonalità. Ara l-**Annex IV** għal dan ir-rapport.

Prattiki tajbin u prattiki dgħajfa għall-verifikazzjoni ta' jekk dawn ir-rekwiżiti humiex qed jiġu ssodisfati

Skema volontarja waħda biss li nżaret issettjat standards li jeħtieġu li ssir verifikazzjoni kompleta u komprensiva ta' jekk dawn ir-rekwiżiti humiex qed jiġu ssodisfati. L-istandards tagħha jiddikjaraw espliċitament li huwa meħtieġ li jsir kontroll ta' jekk il-bdiewa jissodisfawx ir-rekwiżiti. Ir-"regolament biex jitwettqu awditi," tagħha, jeħtieġ li l-korpi taċ-ċertifikazzjoni jispezzjonaw jekk l-azjendi agrikoli jikkonformawx mar-rekwiżiti ta' sostenibbiltà tad-Direttiva RED.

Fil-każ tat-tliet skemi volontarji li jifdal, il-prinċipji tagħhom jew kienu jipprovdu proċeduri (lista ta' kontroll) inkompleti li ma kinux ikopru r-rekwiżiti ambjentali kollha tal-UE għall-agrikoltura li jissemmew fid-Direttiva RED, jew kienu jippermettu li l-konformità tiġi ċċekkjata sempliċiment abbażi tal-awtodikjarazzjonijiet tal-bdiewa, jew inkella qagħdu fuq il-kontrolli mwettqa mill-awtoritajiet nazzjonali responsabbli għall-kundizzjonalità fi ħdan is-sistema ta' kontroll tal-PAK, minkejja li l-iskemi ma jkollhomx aċċess għar-riżultati ta' dawn il-kontrolli meta jkunu qed jiċċertifikaw lill-bdiewa.

29

Huwa tajjeb li jiġi nnutat li, fir-rapporti annwali tagħna, aħna naċċennaw sistematikament meta l-bdiewa jiksru dawn ir-rekwiżiti ambjentali tal-UE (ara l-paragrafu 28)¹⁷.

Kwistjonijiet ta' sostenibbiltà mhux obligatorji

30

Ċerti aspetti dwar is-sostenibbiltà tal-produzzjoni ta' bijokarburanti jissemmew fid-Direttiva RED¹⁸, iżda mhumiex issettjati bħala rekwiżiti obligatorji. Pereżempju, ma hemm ebda kriterju vinkolanti taħt id-Direttiva RED biex jiġi żgurat li l-produzzjoni ta' bijokarburanti fl-UE ma tiġġenerax effetti soċjoekonomiċi negattivi. Għalhekk, il-possibbiltà ta' effetti negattivi bħal dawn mhijiex ivvalutata matul il-proċedura ta' rikonossiment tal-Kummissjoni għal skemi volontarji. Madankollu, il-produzzjoni ta' bijokarburanti tista' tipperikola komunitajiet lokali u tikkawża ħsarat lis-soċjetà inġenerali. Eżempji ta' problemi ewlenin li għandhom jiġu indirizzati huma kunflitti dwar il-pussess ta' art, xogħol tat-tfal/xogħol furzat, kundizzjonijiet tax-xogħol ħżiena u riskji għas-saħħa u s-sikurezza¹⁹.

17 Ir-Rapport Annwali 2014 tal-QEA, il-paragrafi 7.22 u 7.33 (ĠU C 373, 10.11.2015).

18 L-Artikolu 17(7).

19 Riskji li jirrigwardaw il-produzzjoni ta' bijokarburanti huma identifikati, pereżempju, f'"2050 Criteria Overview" (Ħarsa Ġenerali lejn il-Kriterji għall-2050) fid-"WWF Report, September 2012" (Ir-Rapport tad-WWF, Settembru 2012), http://assets.worldwildlife.org/publications/458/files/original/2050_criteria_final_low_res_online_viewing.pdf?1348517472.

31

Għalkemm, f'Ġunju 2012, il-konsulent li vvaluta l-iskemi volontarji ppreżenta metodoloġija lill-Kummissjoni, għall-valutazzjoni ta' jekk l-iskemi volontarji jindirizzaw kwistjonijiet ta' sostenibbiltà mhux obligatorji, sa issa l-Kummissjoni għadha ma applikatx dik il-metodoloġija. B'riżultat ta' dan, l-iskemi volontarji ma kinux obligati jinkludu kwistjonijiet ta' sostenibbiltà mhux obligatorji fl-istandards li huma ppreżentaw għar-rikonoxximent. Madankollu, aħna sibna li waħda mill-erba' skemi volontarji eżaminati kienet stabbiliet proċeduri ta' ċertifikazzjoni li kienu jinkludu l-verifikazzjoni ta' effetti soċjoekonomiċi (ara l-**Kaxxa 3**).

Kaxxa 3

Prattika tajba għall-verifikazzjoni ta' aspetti dwar is-sostenibbiltà soċjali

Biex tiġi żgurata produzzjoni ta' bijomassa li tkun sostenibbli, kif ukoll ambjentalment u soċjalment soda, l-istandard ta' din l-iskema volontarja għal produzzjoni sostenibbli ma għandhux biss l-għan li jipprevieni ħsara ekoloġika, iżda wkoll li jissalvagwardja kundizzjonijiet tax-xogħol xierqa u l-protezzjoni tas-saħħa tal-impjegati fl-azjendi agrikoli. Dan jinkludi l-protezzjoni tal-ħamrija, tal-ilma u tal-arja, kif ukoll kundizzjonijiet tax-xogħol sikuri (permezz ta' taħriġ u edukazzjoni, l-użu ta' lbies protettivi u assistenza xierqa u f'waqtha fil-każ ta' aċċidenti), u rrispett għad-drittijiet tal-bniedem, id-drittijiet tax-xogħol u d-drittijiet tal-art. Skont il-prinċipji tiegħu, jeħtieġ li l-produzzjoni ta' bijomassa tippromwovi kundizzjonijiet tax-xogħol responsabbli kif ukoll is-saħħa, is-sikurezza u l-benessri tal-ħaddiema, u tkun ibbażata fuq relazzjonijiet responsabbli mal-komunità.

32

Id-Direttiva RED teħtieġ li l-Kummissjoni tirrapporta kull sentejn lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-impatt fuq is-sostenibbiltà soċjali fl-UE u fil-pajjiżi terzi taż-żieda fid-domanda għall-bijokarburanti, dwar l-impatt tal-politika tal-UE dwar il-bijokarburanti fuq id-disponibbiltà ta' oġġetti tal-ikel bi prezzijiet li jintlaħqu minn kulħadd, b'mod partikolari għal persuni li jgħixu f'pajjiżi li qed jiżviluppaw, u dwar kwistjonijiet ġenerali oħrajn marbutin mal-iżvilupp. Ir-rapporti tal-Kummissjoni jridu jindirizzaw ukoll ir-rispett għad-drittijiet għall-użu tal-art u miżuri nazzjonali li jittieħdu għall-protezzjoni tal-ħamrija, tal-ilma u tal-arja²⁰. Aħna ninnutaw li, għalkemm dan ir-rekwiżit ta' rappurtar ma jistax jikkompensa għan-nuqqas ta' ċertifikazzjoni sistematika ta' dawn l-aspetti dwar is-sostenibbiltà, huwa jista' jipprovdi l-ħarsa ġenerali meħtieġa tas-sinifikat ta' dawn il-kwistjonijiet.

33

Sa issa l-Kummissjoni ppreżentat żewġ rapporti²¹. Aħna nqisu li dawn ir-rapporti huma ta' użu limitat billi fihom informazzjoni limitata u konklużjonijiet li mhumiex ċari, kif jidher fil-**Kaxxa 4**. Dawn ir-rapporti ma jipprovdux biżżejjed data biex jiġi vvalutat l-impatt tad-domanda għall-bijokarburanti fuq is-sostenibbiltà soċjali, u biex jiġu proposti azzjonijiet korrettivi fejn meħtieġ.

20 L-Artikolu 17(7), it-tieni subparagrafu.

21 COM(2013)175 final, akkumpanjat minn SWD(2013) 102 final, u COM(2015)293 final, akkumpanjat minn SWD(2015) 117 final. Aħna eżaminajna kemm id-dokumenti COM kif ukoll dawk SWD.

Eżempji ta' informazzjoni insuffiċjenti fir-rapporti tal-Kummissjoni dwar aspetti soċjali li huma affettwati mill-produzzjoni ta' bijokarburanti

Ir-rapport tal-2013 tal-Kummissjoni ma jindirizzax "kwistjonijiet ġenerali oħrajn marbutin mal-iżvilupp f'pajjiżi li qed jiżviluppaw"²² (pereżempju, miżuri ta' żvilupp rurali u soċjali bħal prosperità lokali, benessri soċjali u aċċess għall-enerġija, tiżni tal-kapaċitajiet u trasferiment tat-teknoloġija). Il-valutazzjoni tar-rapport ta' sfond dwar il-kundizzjonijiet tax-xogħol²³ hija bbażata sempliċiment fuq l-istatus tar-ratiffika ta' konvenzjonijiet internazzjonali minn pajjiżi li jespertaw bijokarburanti lill-UE.

Kwistjonijiet relatati mal-kundizzjonijiet tax-xogħol f'termini ta' remunerazzjoni, sikurezza għas-saħħa (inkluż esponiment għal sustanzi kimiċi), ftehimiet kuntrattwali jew impatti li huma speċifiċi għall-ġeneru mhumiex iwwalutati f'dawk ir-rapporti.

Ir-rapport tal-2015 tal-Kummissjoni bl-ebda mod ma jindirizza kwistjonijiet ġenerali oħrajn marbutin mal-iżvilupp f'pajjiżi li qed jiżviluppaw. Ir-rapport ta' sfond tagħha jipprovdi konklużjoni vaga li l-produzzjoni ta' bijokarburanti jista' jkollha impatt pożittiv jew negattiv fuq kwistjonijiet ġenerali oħrajn marbutin mal-iżvilupp f'pajjiżi li qed jiżviluppaw²⁴.

22 Id-Direttiva RED tirrikjedi li jsir rappurtar dwar "kwistjonijiet ġenerali oħrajn marbutin mal-iżvilupp f'pajjiżi li qed jiżviluppaw", madankollu hija ma tispeċifikax x'inhuma dawn il-kwistjonijiet.

23 Ecofys et al., "Renewable energy progress and biofuel sustainability" (Progress fl-enerġija rinnovabbli u s-sostenibbiltà tal-bijokarburanti), 2012.

24 Ecofys et al., "Renewable energy progress and biofuels sustainability" (Progress fl-enerġija rinnovabbli u s-sostenibbiltà tal-bijokarburanti), 2014, p. 173.

Ma tqiesx l-impatt tat-tibdil indirett fl-użu tal-art (ILUC)

34

Il-produzzjoni ta' bijomassa tipikament isseħħ fuq raba' li preċedentement kienet tintuża għal produzzjoni agrikola intenzjonata għall-produzzjoni tal-ikel jew tal-għalf. Billi produzzjoni agrikola bħal din għadha meħtieġa, din tista' tiġi spostata parzjalment għal art li qabel ma kinitx raba', bħal bur b'diversità għolja jew foresta. Dan il-proċess huwa magħruf bħala tibdil indirett fl-użu tal-art (ILUC) li jġib miegħu ir-riskju li jxejjen l-iffrankar ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra li jirriżulta minn użu akbar ta' bijokarburant, minħabba li bwar b'diversità għolja u foresti jassorbu livelli għoljin ta' CO₂. Meta dawn it-tipi ta' art jiġu jinbidlu għal raba', il-livelli ta' CO₂ fl-atmosfera jistgħu jżiedu, billi l-konverżjoni tista' twassal għal emissjonijiet addizzjonali u sostanzjali ta' gassijiet serra.

35

L-importanza li l-impatt tal-ILUC jiġi vvalutat ġiet enfasizzata f'evalwazzjoni ta' nofs it-terminu tad-Direttiva RED²⁵, li nnutat li l-bijokarburanti jistgħu jirriżultaw fi tnaqqis ta' emissjonijiet ta' GHG, iżda d-daqs tat-tnaqqis ta' emissjonijiet jiddependi b'mod sinifikanti fuq it-tip u l-materja prima użata u fuq jekk jittieħdx inkunsiderazzjoni l-impatt inċert tal-ILUC. Meta l-ILUC jittieħed inkunsiderazzjoni, xi bijokarburanti bħal dawk mill-iskart jew residwi jew kannamiela jistgħu jirriżultaw fi ffrankar kbir ta' emissjonijiet, filwaqt li bijokarburanti oħra minn għelejjel jistgħu, f'xi każijiet, saħansitra jirriżultaw f'żieda netta fl-emissjonijiet ta' GHG.

36

Madankollu, id-Direttiva RED ma tirrikjedix li l-fornituri tal-bijomassa u l-bijokarburanti jinkludu l-emissjonijiet ta' gassijiet serra li huma assoċjati mat-tibdil indirett fl-użu tal-art fil-kalkolu tal-iffrankar ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra²⁶. Konsegwentement, l-impatt tal-ILUC fuq is-sostenibbiltà tal-bijokarburanti mhi-jiex koperta mill-proċedura ta' valutazzjoni u rikonoxximent tal-iskemi volontarji.

37

Aħna nirrikonoxxu d-diffikultajiet tekniċi fil-valutazzjoni tal-impatt tal-ILUC fuq l-emissjonijiet ta' gassijiet serra (prinċipalment in-nuqqas ta' metodoloġija għall-kalkolu ta' emissjonijiet mill-ILUC li jistgħu jseħħu madwar id-dinja kollha, u mhux neċessarjament fiż-żoni fejn il-bijomassa għall-bijokarburanti tiġi prodotta). Id-Direttiva RED emendata²⁷ tittratta l-problema billi tillimita għal 7 % s-sehem massimu ta' bijokarburanti minn għelejjel għall-ikel li jista' jingħadd għall-ilħuq tal-mira sal-2020, u billi tintroduċi obbligi addizzjonali ta' rappurtar għall-Istati Membri u l-Kummissjoni²⁸. Fiż-żmien tal-awditu, ma kienx hemm informazzjoni disponibbli dwar is-sorsi li jistgħu jintużaw mill-Kummissjoni għar-rappurtar dwar l-ILUC.

Verifikazzjoni fqira tal-oriġini ta' skart jew residwi użati għall-produzzjoni ta' bijokarburanti

38

Bijokarburanti prodotti minn skart u residwi, bħall-bijodiżil prodott minn żejt tat-tisjir użat (UCO), jitqiesu li huma ta' benefiċċju akbar għall-ambjent, billi ma jikkompetux mal-produzzjoni tal-ikel għall-użu ta' art agrikola.

- 25 CE Delft, "Mid-term evaluation of the Renewable Energy Directive. A study in the context of the REFIT programme" (Evalwazzjoni ta' nofs it-terminu tad-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli. Studju fil-kuntest tal-programm REFIT.), Delft, April 2015 (www.cedelft.eu).
- 26 Minkejja dan, l-Artikolu 3 tad-Direttiva (UE) 2015/1513, li temenda d-Direttiva RED, jeħtieġ li l-Kummissjoni tissottometti rapport lill-Parlament u lill-Kunsill sal-31 ta' Diċembru 2016 li jinkludi, fost oħrajn, valutazzjoni "tal-aħjar evidenza xjentifika disponibbli dwar l-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra minn tibdil indirett fl-użu tal-art assoċjati mal-produzzjoni tal-bijokarburanti".
- 27 Id-Direttiva (UE) 2015/1513.
- 28 L-Anness VIII għad-Direttiva RED emendata jistipula l-emissjonijiet proviżorji stmati minn ILUC li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni mill-Istati Membri u l-Kummissjoni għal skopijiet ta' rappurtar.

39

Il-possibbiltà li bijokarburanti prodotti mill-iskart u r-residwi jġu kkalkolati doppju wasslet għal sitwazzjoni fejn il-bijodiżil prodott mill-UCO (il-paragrafu 9) spiss jiġi nnegożjat bi prezz ogħla mill-bijodiżil prodott miż-żejt veġetali²⁹. Dan kien jinvolvi riskju li ż-żejt verġni jiġi adulterat biex jinbiegħ bħala UCO. Dan ir-riskju ġie nnutat fi studju reċenti³⁰ li tenna t-tħassib tal-operaturi u ta' partijiet interesati oħra dwar ir-riskju ta' frodi jekk żejt veġetali verġni jinbiegħ bħala UCO.

40

Għalhekk, kien essenzjali li bħala parti mill-proċess ta' rikonoxximent, il-Kummissjoni teżamina l-proċeduri ta' skemi volontarji biex tiżgura li l-orijini tal-bijokarburanti prodotti mill-iskart jkun tabilħaqq l-iskart. Madankollu, aħna sibna li dan ma kienx il-każ, minħabba li l-Kummissjoni ma eżaminatx jekk l-iskemi volontarji jivverifikawx l-orijini ta' skart użat għall-produzzjoni ta' bijokarburanti.

41

F'Ottubru 2014 il-Kummissjoni rrikonixxiet li l-iskemi volontarji ma kinux qed jipprovdu biżżejjed evidenza tal-orijini tal-iskart (eż. ristoranti fil-każ tal-UCO) u indirizzat nota ta' gwida lill-iskemi rikonoxxuti kollha. In-nota ssuġġeriet li huma jivviluppaw proċeduri speċifiċi tal-awditjar li jkopru l-orijini tal-iskart u tar-residwi, jiġifieri l-operatur ekonomiku fejn joriġina l-materjal ta' skart u ta' residwi. In-nota ġibdet l-attenzjoni għall-fatt li fir-rigward tal-iskart u r-residwi hemm riskju reali ta' frodi minħabba f'inċentivi ekonomiċi (eż. fejn il-prezz li jista' jinkiseb għal materja prima li tiġi ddikjarata bħala skart jew residwu jkun ogħla mill-prezz tal-prodott verġni³¹).

42

Dan ifisser li, mill-2011 meta l-ewwel skemi volontarji ġew rikonoxxuti sa mill-inqas l-2014, il-bijokarburanti ċċertifikati bħala li huma prodotti mill-iskart, u għaldaqstant ikkalkolati doppju għall-miri nazzjonali, ġew iċċertifikati mingħajr verifikazzjonijiet xierqa dwar l-orijini tal-iskart użat. Billi l-awditu tagħna qabad dgħufijiet fis-superviżjoni tal-iskemi volontarji (ara l-paragrafi 50 sa 56) u fl-infurzar tar-rekwiżiti stipulati fin-noti ta' gwida (ara l-paragrafi 57 u 58), aħna ma nistgħux nikkonkludu li l-verifikazzjoni kienet fil-fatt tjiebet.

29 EC note on verification of the chain of custody of biofuels made from waste and processing residues of 10.10.2014 (In-nota tal-KE tal-10.10.2014 dwar il-verifikazzjoni tal-katina ta' kustodja ta' bijokarburanti prodotti mill-iskart u r-residwi tal-ipproċessar), p. 2, il-paragrafu 5.

30 Ecofys, "Trends in the UCO market" (Xejriet fis-suq tal-UCO), 2013, p. 2.

31 In-nota ta' gwida tal-10.10.2014, p. 2.

Sa reċentement, bur b'bijodiversità għolja ma kienx protett b'mod konsistenti

43

Wieheċ mill-kriterji ta' sostenibbiltà li huwa stipulat fid-Direttiva RED³² jikkonċerna l-protezzjoni ta' "artijiet tal-ħaxix (bwar) b'bijodiversità għolja" (inklużi speċijiet mhedda jew vulnerabbli) fuq dik l-art³³. Biex tinforza dan, kien meħtieġ li l-Kummissjoni tiddefinixxi³⁴ "l-kriterji u mhedded ġeografiċi għad-determinazzjoni ta' liema art tal-ħaxix" kellha titqies bħala "art tal-ħaxix b'bijodiversità għolja". Din id-definizzjoni ġiet stabbilita mill-Kummissjoni f'Diċembru 2014³⁵ u ġiet applikata mill-1 ta' Ottubru 2015, għalkemm id-Direttiva RED kellha tiġi infurzata mill-Istati Membri sal-5 ta' Diċembru 2010.

44

Minkejja d-definizzjoni tardiva ta' bur b'bijodiversità għolja, xi skemi volontarji żguraw konformità impliċita ma' dak il-kriterju mill-bidu tal-attivitajiet ta' ċertifikazzjoni tagħhom billi pprojbixxew kwalunkwe konverżjoni ta' bwar. Pereżempju, tlieta mill-erba' skemi volontarji eżaminati stipulaw li sakemm il-Kummissjoni tiddetermina definizzjonijiet, kriterji u żoni ġeografiċi li huma kkaratterizzati minn bwar b'bijodiversità għolja, kwalunkwe konverżjoni ta' bwar minn Jannar 2008 'l quddiem hija pprojbata. Skemi oħra ħallew l-aspett ta' "bur b'diversità għolja" barra mill-proċess ta' rikonoxximent, li jfisser li ċ-ċertifikati ta' sostenibbiltà li ngħataw minn dawn l-iskemi qabel l-1 ta' Ottubru 2015 ma kinux jinkludu verifikazzjoni ta' jekk il-materja prima kinitx inkisbet minn art ta' dan it-tip. Konsegwentement, il-Kummissjoni tat "rikonoxximent parzjali", fejn eskludiet b'mod espliċitu dan il-kriterju ta' sostenibbiltà.

45

Sa issa, 3 mid-19-il skema volontarja rikonoxxuti kisbu rikonoxximent parzjali fuq dawk il-kundizzjonijiet. Għalhekk, dawn l-iskemi ċċertifikaw is-sostenibbiltà tal-bijokarburanti mingħajr ma ċċekkjaw jekk il-materji prima tagħhom kinux ġew prodotti wara l-konverżjoni ta' bwar li setgħu kienu bwar b'bijodiversità għolja. Minkejja l-aċċertament insuffiċjenti pprovdut minn dawn l-iskemi fir-rigward ta' dak l-aspett dwar is-sostenibbiltà, aħna sibna li ċ-ċertifikati tagħhom effettivament tqiesu li kienu jkopru l-kriterji ta' sostenibbiltà kollha tad-Direttiva RED. Dan ifisser, pereżempju, li l-bijokarburant iċċertifikat minn dawn l-iskemi ngħadd għall-istabbiliment tal-livell ta' progress lejn il-mira ta' 10 % fit-trasport, li għandha tintlaħaq fl-2020.

32 L-Artikolu 17(3)(c).

33 L-artijiet bil-ħaxix (bwar) li għandhom bijodiversità għolja jvarjaw fost iż-żoni klimatiki u jstgħu jinkludu, fost oħrajn, xagħrijiet, għelieqi, mergħat, savani, steppi, artijiet neqsin mix-xita u prateriji, il-premessa 3 tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1307/2014 tat-8 ta' Diċembru 2014 li jiddefinixxi l-kriterji u l-firxiet ġeografiċi ta' artijiet bil-ħaxix ta' bijodiversità għolja għall-finijiet tal-Artikolu 7b(3)(c) tad-Direttiva 98/70/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kwalità tal-karburanti tal-petrol u tad-diżil u l-Artikolu 17(3)(c) tad-Direttiva 2009/28/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli (ĠU L 351, 9.12.2014, p. 3).

34 L-Artikolu 17(3) tad-Direttiva RED, it-tieni subparagrafu, fil-verżjoni applikabbli sa Settembru 2015.

35 Ir-Regolament (UE) Nru 1307/2014.

Ma ngħatatx biżżejjed kunsiderazzjoni għat-trasparenza u l-governanza.

46

Minbarra l-kwistjonijiet ta' sostenibbiltà msemmija hawn fuq, il-valutazzjoni u r-rikonoxximent tal-Kummissjoni ma koprewx il-governanza tal-iskemi volontarji (għestjoni u kwalifiki tal-persunal). Il-governanza ta' skema volontarja u l-kapaċità teknika tal-persunal tagħha għandhom influwenza sinifikanti fuq ir-robustezza tal-istandards tagħha u fuq l-implimentazzjoni tagħhom. Governanza trasparenti, li tiżgura r-rappreżentazzjoni adegwata tal-partijiet interessati, u kompetenza soda min-naħa tal-manigġers u tal-persunal, iżidu l-probabbiltà ta' implimentazzjoni korretta tal-istandards fil-prattika, u jnaqqsu r-riskju li interessi speċifiċi ta' ċerti operaturi tal-bijokarburanti jingħataw preferenza. Jekk il-governanza ta' skema volontarja tkun f'idejn ir-rappreżentanti ta' ftit mill-operaturi ekonomiċi biss, dan iżid ir-riskju ta' kunflitt ta' interess, u konsegwentement ta' verifikazzjoni ineffettiva tal-konformità mal-istandards tal-iskema. Bl-istess mod, jekk il-kapaċità teknika tal-manigġers u tal-persunal tal-iskema volontarja tkun dgħajfa, dan iżid ir-riskju li l-kontroll tal-kwalità tal-korpi taċ-ċertifikazzjoni ma jiżgurax li l-operaturi ekonomiċi jikkonformaw b'mod effettiv mal-istandards tal-iskema.

47

Fuq il-bażi ta' informazzjoni disponibbli pubblikament, aħna eżaminajna t-trasparenza u l-governanza tad-19-il skema volontarja rikonoxxuta (ara l-**Annexsi II** u **III**). Aħna identifikkajna ħames tipi ta' skemi: skemi volontarji stabbiliti bħala assoċjazzjoni ta' persuni jew entitajiet interessati waħdanin, skemi volontarji stabbiliti bħala konsorzji ta' organizzazzjonijiet jew assoċjazzjonijiet, skemi volontarji stabbiliti minn korpi pubbliki, skemi volontarji stabbiliti minn kumpaniji privati, u għodda għall-kalkolu tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra (GHG) li hija mmaniġġjata minn istitut tar-riċerka u hija rikonoxxuta biss bħala skema ta' kejl għall-iffrankar tal-emissjonijiet ta' GHG.

48

L-analiżi tagħna ppreżentata fl-**Annexs II** tikkonferma li, kumplessivament, it-trasparenza tal-governanza hija akbar fl-iskemi volontarji li huma bbażati fuq sħubija "miftuħa" u f'dawk maħluqa minn korpi pubbliċi, milli fl-iskemi bbażati fuq kumpanija jew fuq konsorzju, li inġenerali jippubblikaw inqas informazzjoni. Għal skema volontarja partikolari, lanqas biss instabet paġna web. L-informazzjoni disponibbli għall-pubbliku tissuġġerixxi li, għal skemi bbażati fuq kumpanija, ma nħolqux korpi jew proċeduri ta' governanza speċifiċi u li l-iskemi volontarji jiġu operati mill-manigġment u l-persunal attwali tal-kumpaniji. Fil-fehma tagħna, dawn l-arranġamenti ta' governanza jippreżentaw riskju oġġettiv ta' kunflitt ta' interess.

49

Xi skemi volontarji jinkludu gruppi differenti ta' partijiet interessati fil-korpi ta' amministrazzjoni tagħhom, bħal produtturi, kummerċjanti, ambjentalisti, riċerkaturi, eċċ. Din hija Prattika tajba billi r-rappreżentanza ta' gruppi ta' interess differenti tiżgura proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet li jkun aktar bilanċjat, kif ukoll żvilupp aktar komprensiv tal-istandards tal-iskema u superviżjoni usa' tal-implimentazzjoni tagħhom.

Ma kienx hemm biżżejjed superviżjoni fuq l-iskemi volontarji

L-operat tal-iskemi ma kienx sorveljat b'mod adegwat...

50

Skemi volontarji jiġu rikonnoxxuti abbażi ta' analiżi dokumentarja tal-istandards u l-proċeduri ta' ċertifikazzjoni tagħhom li għandhom jiġu applikati wara r-rikonnoxximent. Għalhekk aħna nqisu li s-superviżjoni tal-operazzjonijiet tal-iskemi volontarji hija essenzjali biex jingħata aċċertament li ċ-ċertifikati ta' sostenibbiltà jinħarġu skont l-istandards ippreżentati għar-rikonnoxximent.

51

Id-Direttiva RED ma tirrikjedix li l-Kummissjoni teżerċita superviżjoni fuq l-iskemi volontarji. Aħna sibna li, ladarba kienet irrikonnoxxiethom, il-Kummissjoni ma ssorveljatx l-iskemi volontarji (ara l-paragrafu 57). Skont il-Kummissjoni, l-uniku strument ta' kontroll li għandha għad-dispożizzjoni tagħha huwa li tirtira r-rikonnoxximent ta' skema, jekk hija jkollha evidenza li l-iskema kisret b'mod serju r-regoli u r-rekwiżiti ta' ċertifikazzjoni tagħha. Madankollu, billi l-Kummissjoni ma tissorveljax kif l-iskemi volontarji joperaw, huwa ferm improbabbli li hija tkun tista' tikseb biżżejjed evidenza f'dan ir-rigward.

52

Fil-fatt, l-analiżi tagħna tax-xogħol imwettaq mill-korpi ta' ċertifikazzjoni turi li l-istandards ippreżentati mill-iskemi volontarji bħala bażi għar-rikonnoxximent tagħhom ma jiġux applikati dejjem fil-prattika, li juri li hemm il-ħtieġa għal superviżjoni attiva mill-Kummissjoni dwar kif l-iskemi volontarji joperaw.

53

Pereżempju, l-istandards ta' waħda mill-iskemi volontarji miżjura jeħtieġu li l-korp taċ-ċertifikazzjoni jwettaq awditu ta' għadd ta' produtturi tal-bijomassa u li jikkonferma li l-bijomassa li tiġi ddikjarata bħala sostenibbli tkun minn oriġini magħrufa u sostenibbli, kif ukoll li l-konformità mal-kriterji ta' sostenibbiltà tad-Direttiva RED tkun tista' tiġi ddimostrata. Skont l-istruzzjonijiet tal-iskema volontarja, l-awditi jistgħu jkunu awditi ta' verifikazzjoni dokumentarja u/jew awditi ta' verifikazzjoni fuq il-post, skont il-kuntest, is-sitwazzjoni u l-livell ta' riskju. Madankollu, aħna sibna li fil-prattika l-awdituri tal-korp taċ-ċertifikazzjoni ma wettqu l-ebda verifikazzjoni tal-bdiewa fuq il-post, għalkemm l-istandard tal-iskema kien jirrikjedi li jsiru verifikazzjonijiet fuq il-post f'ċerti ċirkustanzi.

54

Eżempju ieħor jikkonċerna r-rekwiżit għall-ħarsien ta' art mistagħdra u torbiera. Skont id-Direttiva RED³⁶, bijokarburanti sostenibbli ma jistgħux jtkabbru f'żoni li jiġu kkonvertiti minn oħrajn b'ħażna għolja ta' karbonju. L-iskemi volontarji jridu jstabbilixxu linji gwida speċifiċi relatati ma' dik il-kwistjoni u jagħmlu arranġamenti għal sistema komprensiva ta' kontroll tal-konformità li għandha tintuża minn awdituri indipendenti. Fi Franza, l-awditu żvela li minkejja l-fatt li l-iskema volontarja miżjura kienet żviluppat standards estensivi relatati mal-konverżjoni ta' żoni protetti bħal dawn, kien diffiċli biex il-korpi taċ-ċertifikazzjoni jivverifikaw li kien hemm konformità ma' daww l-istandards. Kif kien ikkonfermat mal-awtoritajiet nazzjonali Franċiżi, dan kien dovut għall-fatt li fi Franza ma kienx hemm sistema preċiża ta' mapep relatata mal-identifikazzjoni ta' artijiet mistagħdra u torbiera. Id-database nazzjonali ta' mapep għadha taħt kostruzzjoni u ma tiggarrantix preċiżjoni, aġġornament, integrità u komplettezza tad-*data* dwar żoni ta' art mistagħdra u torbiera. Għalhekk, is-sistema ta' kontroll stabbilita mill-iskema volontarja dwar iż-żoni ta' art mistagħdra u torbiera ma setgħetx tiġi applikata fil-prattika. Il-valutazzjoni għar-rikonnoxximent dokumentarju li saret mill-kuntrattur tal-Kummissjoni ma setgħetx tidentifika dik il-problema speċifika.

55

Barra minn hekk, ma hemm ebda sistema speċifika għal ilmenti stabbilita biex tinforma lill-Kummissjoni dwar ksur allegat tar-regoli ta' skema volontarja, u l-Kummissjoni ma tivverifikax jekk l-ilmenti indirizzati direttament lill-iskemi volontarji jew ippubblikati band'oħra jiġux ittrattati b'mod korrett minnhom. Il-Kummissjoni toqgħod fuq li l-partijiet interessati jkunu jafu dwar l-eżistenza ta' sistema ġenerali għall-preżentazzjoni ta' lment, permezz tal-internet, kontra ksur tal-liġi tal-UE. Madankollu, il-paġna web ta' dik is-sistema tispjega li "l-Kummissjoni Ewropea tista' tittratta l-ilment tiegħek fil-każ biss li dan ikun dwar ksur ta' liġi tal-Unjoni mill-awtoritajiet fi Stat Membru tal-UE", li ma tapplikax għall-iskemi volontarji.

56

Aħna sibna li ċerti Stati Membri imponew rekwiżiti speċifiċi fuq skemi volontarji u korpi taċ-ċertifikazzjoni (ara l-**Kaxxa 5**). Għalkemm dan jista' jidher bħala li huwa attentat biex isir kumpens fil-livell nazzjonali għas-superviżjoni li ma tiġix ipprovduta fil-livell tal-UE, aħna nqisu li dan jimmina l-armonizzazzjoni fl-UE taċ-ċertifikazzjoni ta' bijokarburanti sostenibbli. Dan huwa minħabba li fil-prattika, f'ċerti Stati Membri r-rikonoxximent mill-Kummissjoni ma hija ta' ebda valur jekk l-iskema volontarja ma tissodisfax ċerti kundizzjonijiet speċifiċi imposti mill-Istat Membru. In-nuqqas ta' superviżjoni armonizzata tal-iskemi volontarji fil-livell tal-UE jżid ir-riskju ta' prattiki ta' kontroll diskriminatorji fl-Istati Membri.

Kaxxa 5

Eżempji ta' rekwiżiti nazzjonali li jillimitaw l-effetti tar-rikonoxximent tal-Kummissjoni

Sabiex ikunu jistgħu jwettqu l-attivitajiet ta' ċertifikazzjoni kkuntrattati ma' skema volontarja, korpi taċ-ċertifikazzjoni bis-sede tagħhom fil-Ġermanja jridu jiksbu rikonnoxximent mill-amministrazzjoni Ġermaniża u jissottomettu lilhom infushom għal kontrolli li huma addizzjonali għall-kontrolli li diġà jkunu twettqu mill-iskema volontarja. B'mod partikolari, l-amministrazzjoni għandha d-dritt li tkun preżenti fi kwalunkwe awditu li jitwettaq mill-korp taċ-ċertifikazzjoni, dak li jissejjaħ "awditu b'xiehda", u jekk l-awditu jsir barra mill-Ġermanja, il-korp taċ-ċertifikazzjoni jrid ikopri l-ispejjeż tal-ivvjaġġar tal-uffiċjali inkarigati bit-tweqqif tal-"awditu b'xiehda". Fil-Polonja, sabiex ikunu jistgħu iwettqu attivitajiet ta' ċertifikazzjoni, kemm l-iskemi volontarji kif ukoll il-korpi taċ-ċertifikazzjoni li jaġixxu f'isimhom huma meħtieġa li jistabbilixxu uffiċċju f'dak il-pajjiż.

... u t-titjib meħtieġ għall-proċeduri tagħhom ma ġiex infurzat b'mod xieraq.

57

Għalkemm is-superviżjoni diretta tal-iskemi volontarji hija l-aktar mod effettiv għall-identifikazzjoni u l-korrezzjoni tan-nuqqasijiet operazzjonali tagħhom, il-promozzjoni tal-aħjar prattiki permezz ta' noti ta' gwida tista' tikkontribwixxi wkoll għat-titjib tal-effettività tal-iskemi. Sa issa, il-Kummissjoni ħarġet tliet noti ta' gwida (li mhumiex legalment vinkolanti) għall-iskemi volontarji rikonnoxxuti, immirati biex itejbu l-verifikazzjoni tal-orijini ta' skart jew residwi użati għall-produzzjoni ta' bijokarburanti, jippermettu l-identifikazzjoni ta' bwar b'bijodiversità għolja u jżidu t-trasparenza tal-iskemi.³⁷

37 In-noti tal-KE dwar "Verification of the chain of custody of biofuels made from waste and processing residues" (Verifikazzjoni tal-katina ta' kustodja tal-bijokarburanti prodotti mill-iskart u mir-residwi tal-ipproċessar) (10.10.2014); dwar "Implementation of the recently adopted criteria and geographic ranges of highly biodiverse grassland" (Implimentazzjoni tal-kriterji li ġew adottati reċentement u l-firxiet ġeografiċi ta' bwar b'bijodiversità għolja) (29.1.2015); u dwar "Update of Commission web site, notifications and transparency measures" (Aġġornament tas-sit web, in-notifiki u l-miżuri ta' trasparenza tal-Kummissjoni) (12.3.2015).

58

Aħna sibna li, minkejja l-importanza tal-kwistjonijiet koperti min-noti ta' gwida, il-Kummissjoni ma saħqitx fuq il-konformità mar-rekwiżiti stipulati fin-noti, pereżempju billi tissettja dati ta' skadenza sa meta l-iskemi volontarji jridu jimplimentaw it-titjib meħtieġ. Pereżempju, fin-nota li nħarġet fit-12 ta' Marzu 2015 rigward il-miżuri ta' trasparenza, l-iskemi volontarji rikonoxxuti ntalbu jipprovdu link għas-siti web tagħhom u jiddivulgaw informazzjoni rilevanti oħra kif inhu ddettaljat fl-**Annex III** ta' dan ir-rapport. Aħna eżaminajna s-siti web tal-iskemi volontarji u sibna li, kważi sena wara li kienet inħarġet in-nota ta' gwida, ir-rekwiżiti kienu għad fadlilhom ħafna biex jiġu ssodisfati: kien għad hemm ħafna diskrepanzi fejn l-informazzjoni jew ma kinitx ġiet ippubblikata, jew ma kinitx ċara jew kompleta.

59

Għal-leġiżlatur, it-trasparenza hija ta' importanza kbira billi l-Artikolu 24 tad-Direttiva RED jeħtieġ li l-Kummissjoni tistabbilixxi pjattaforma għat-trasparenza pubblika online "sabiex iżżid it-trasparenza, u sabiex tiffaċilita u tippromwovi l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri". Skont l-istess dispożizzjoni, "il-pjattaforma tista' tintuża biex tiġi ppubblikata informazzjoni rilevanti li l-Kummissjoni jew xi Stat Membru jikkunsidraw li tkun ta' importanza ċentrali għal din id-Direttiva u għall-kisba tal-oġġettivi tagħha".

60

Il-Kummissjoni tqis li sit web iddedikat tad-Direttorat Ġenerali tal-Kummissjoni għall-Energija³⁸, li jkun fih l-informazzjoni kollha meħtieġa bil-liġi li tiġi riċevuta mill-Istati Membri, u informazzjoni utli oħra, jikkostitwixxi l-pjattaforma ta' trasparenza. Fil-forma attwali tagħha, il-pjattaforma ta' trasparenza li hija mmaniġġjata esklussivament mill-Kummissjoni, ma tirrispondix kompletament għar-rekwiżit tad-Direttiva RED li "tiffaċilita u tippromwovi l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri". Dan kien ikkonfermat mill-partijiet interessati li ltaqgħet magħhom (awtoritajiet nazzjonali, skemi volontarji) li appoġġaw bil-qawwa li jkun hemm aktar trasparenza u kondiviżjoni ta' informazzjoni.

61

Il-**Kaxxa 6** turi li l-ħtieġa għat-tiżni tal-kondiviżjoni ta' informazzjoni mhijiex ristretta għall-Kummissjoni u l-Istati Membri, iżda tapplika wkoll għall-iskemi volontarji.

38 <https://ec.europa.eu/energy/en/renewable-energy-transparency-platform>

Eżempju tal-possibbiltà ta' ksur minħabba kondiviżjoni insuffiċjenti ta' informazzjoni

Illum il-ġurnata, huwa possibbli li operatur ekonomiku li ma jingħatax ċertifikazzjoni minn korp taċ-ċertifikazzjoni partikolari, imur għand korp taċ-ċertifikazzjoni ieħor bl-iskop li jikseb ċertifikat mingħajr ma jimplementa t-titjib mitlub mill-ewwel korp taċ-ċertifikazzjoni.

Għalkemm il-korp taċ-ċertifikazzjoni l-ġdid huwa obbligat li jitlob ir-rapport ta' ċertifikazzjoni l-aktar reċenti u għalkemm l-operatur ekonomiku huwa obbligat li jipprovdi, ma hemm ebda biex jiġi żgurat li dan fil-fatt isir.

F'xi skemi volontarji, l-informazzjoni hija trasparenti u r-rapporti tal-awditjar li jinħarġu minn korp taċ-ċertifikazzjoni partikolari huma aċċessibbli għall-korpi taċ-ċertifikazzjoni l-oħra li joperaw taħt dik l-iske-ma. Madankollu, jekk iż-żewġ korpi taċ-ċertifikazzjoni jkunu taħt skemi volontarji differenti, il-korp taċ-ċertifikazzjoni l-ġdid ma għandu mezz biex jara r-rapport li jkun wassal għar-rifjut taċ-ċertifikazzjoni, jekk l-operatur jirrifjuta li jiddivulga.

Huwa possibbli li l-istatistika tal-bijokarburanti ċertifikati bħala sostenibbli ġiet stmata b'mod eċċessiv...

62

L-akbar parti tal-enerġija użata fit-trasport tiġi mill-karburanti. Mingħajr kontribut sostanzjali mill-bijokarburanti, il-mira ta' 10 % ta' enerġija rinnovabbli fit-trasport fl-2020 ma tistax tintlaħaq. Billi huma biss il-bijokarburanti li jikkonformaw mal-kriterji ta' sostenibbiltà li jistgħu jittieħdu inkunsiderazzjoni għall-kalkolu tas-sehem ta' enerġija rinnovabbli fit-trasport, huwa essenzjali li d-*data* dwar l-użu ta' bijokarburanti sostenibbli tkun affidabbli. L-Eurostat jippubblika *data* bħal din f'tabelli speċifiċi (tabelli "ISHMA") dwar is-sehem tal-enerġija rinnovabbli fil-konsum ta' enerġija fit-trasport u f'setturi ekonomiċi oħra koperti bid-Direttiva RED.

63

Hija r-responsabbiltà tal-Istati Membri li jiżguraw li l-ammonti ddikjarati jkunu sostnuti minn ċertifikati validi u li għalhekk ikunu jistgħu jitqiesu bħala konformi mal-kriterji ta' sostenibbiltà għall-bijokarburanti.

64

Meta l-Eurostat jirċievi d-*data* mibgħuta mill-Istati Membri, huwa jwettaq kontroll kumplessiv tal-konsistenza tad-*data*³⁹ u jivverifika kemm jista' jkun li d-*data* rrapportata tkun tikkonforma mal-metodoloġija armonizzata. Il-problemi li jiltaqa' magħhom l-Eurostat tipikament jikkonċernaw l-input tad-*data* (żbalji tal-ittajpjar) u lakuni fid-*data*. Jekk, wara li jikkuntattja l-awtoritajiet nazzjonali, l-Eurostat xorta waħda jsib problemi fid-*data* rrapportata, huwa jinforma lid-Direttorat Ġenerali tal-Kummissjoni għall-Enerġija, li huwa responsabbli għas-superviżjoni tal-implimentazzjoni tad-Direttiva RED mill-Istati Membri, u li huwa d-Direttorat Ġenerali tal-Kummissjoni bis-setgħa li jieħu azzjoni ulterjuri.

... billi kienet tinkludi bijokarburanti li s-sostenibbiltà tagħhom ma ġietx ivverifikata

65

Fil-Polonja, kien biss wara l-1 ta' Jannar 2015 li l-liġi bdiet tirrikjedi li l-bijokarburanti jikkonformaw mal-kriterji ta' sostenibbiltà tad-Direttiva RED u li ssir verifikazzjoni tal-konformità. Dan ifisser li fil-perjodu 2011-2014, l-operaturi ekonomiċi ma kinux meħtieġa jipprovdu prova tas-sostenibbiltà għall-kwantitajiet ta' bijokarburanti mħallta ma' karburanti fossili. Madankollu, il-Polonja rrapportat li l-bijokarburanti kollha kienu "konformi" mal-kriterji ta' sostenibbiltà tad-Direttiva RED. L-Eurostat aċċetta u ppubblika dik id-*data* minkejja li ma kienx hemm dispożizzjonijiet li jirrikjedu l-konformità tal-bijokarburanti mal-kriterji ta' sostenibbiltà tad-Direttiva RED u l-verifikazzjoni ta' din il-konformità.

66

Franza, fejn is-sistema nazzjonali għaċ-ċertifikazzjoni ta' bijokarburanti sostenibbli kienet għadha mhijiex kompletament operazzjonali fl-2011, iddikjarat ċifra ta' "0" għall-bijokarburanti konformi għal dik is-sena u din kienet iċ-ċifra li ġiet ippubblikata fl-istatistika tal-Eurostat. Fil-fehma tagħna, kien imissha saret l-istess ħaġa għall-Polonja wkoll.

... u billi l-orijini tal-bijomassa użata għal bijokarburanti kkalkolati doppju ma ġietx ivverifikata b'mod suffiċjenti

67

L-istatistika nazzjonali tissepara b'mod ċar il-kwantitajiet ta' bijokarburanti li huma kkalkolati doppju u dawk li huma kkalkolati darba, iżda huma l-awtoritajiet nazzjonali biss li jistgħu jiżguraw li l-orijini ta' kull tip ta' bijokarburant ikun traċċabbli (ara l-paragrafu 63). Meta titqies l-inadegwatezza tal-kontrolli għall-verifikazzjoni tal-orijini ta' bijomassa li tikkonsisti fi skart jew f'residwi, u li tissemma fil-paragrafi 38-42, ma jstax jiġi eskluż li d-*data* dwar bijokarburanti kkalkolati doppju tista' tinkludi kwantitajiet ta' bijodiżil iċċertifikati bħala li huwa mill-UCO, filwaqt li fir-realtà, il-materja prima setgħet kienet minn żejt verġni jew minn żejt verġni denaturat b'mod frodulenti.

39 Pereżempju, billi jgħall id-*data* riċevuta ma' sorsi oħra disponibbli għall-pubbliku (eż. publikazzjonijiet imħejjija qabel minn korpi oħra, eċċ.), jew billi jivverifika li d-*data* rrapportata tkun kompleta u li ma jkunx fiha żbalji ta' input.

68

Il-kalkolu doppju huwa r-responsabbiltà tal-Istati Membri. Qabel ma ġiet emendata d-Direttiva RED, kien ġenerikament possibbli li jsir kalkolu doppju għal bijokarburanti prodotti minn skart, u kienu effettivament l-Istati Membri li jiddeċiedu liema sustanzi setgħu jiġu kklassifikati bħala skart. Aħna sibna li ma kienx hemm identifikazzjoni unika fl-UE tas-sustanzi li setgħu jitqiesu bħala skart⁴⁰. Konsegwentement, *data* kkalkolata doppju li ġiet irrappurtata minn Stati Membri differenti ma setgħetx titqabbel direttament: l-istess sustanza setgħet titqies, fi Stat Membru partikolari, bħala li għandha użu u għaldaqstant li mhijiex skart, filwaqt li fi Stat Membru ieħor kienet meqjusa bħala skart u eliġibbli għall-produzzjoni ta' bijokarburanti li ġew ikkalkolati doppju⁴¹.

69

Wara li ġiet emendata f'Settembru 2015⁴², id-Direttiva RED issa tinkludi lista ta' materji prima li jistgħu jintużaw għall-produzzjoni ta' bijokarburanti kkalkolati doppju⁴³. Madankollu, id-Direttiva RED għadha tippermetti li, għall-produzzjoni ta' bijokarburanti avvanzati fl-installazzjonijiet eżistenti qabel l-adozzjoni tal-emenda, tintuża materji prima li mhumiex inklużi fil-lista iżda li huma ddeterminati bħala skart mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti⁴⁴.

70

L-Istati Membri ġibdu l-attenzjoni għall-fatt li l-verifikazzjoni tal-katina ta' kustodja tal-bijokarburanti prodotti minn skart u residwi hija qasam li teħtieġ monitoraġġ mill-qrib, billi kien ġie identifikat li hemm riskju ta' frodi. Xi eżempji ta' riskji ta' frodi marbutin mal-iskart u r-residwi, li ġew identifikati, huma:

- l-operatur jista' jikklassifika bħala skart jew residwi xi ħaġa li mhijiex (jew li ġiet adulterata); jew
- l-operatur jista' jipprova jiċċertifika għal darbtejn, minn skemi volontarji differenti, l-istess prodott ikkalkolat doppju.

71

Monitoraġġ u miżuri possibbli għall-prevenzjoni ta' frodi ġew diskussi fost l-Istati Membri, prinċipalment fuq l-inizjattiva tal-Ġermanja u ta' Franza, iżda d-diskussjonijiet ġew posposti billi Stati Membri oħra huma tal-opinjoni li hija l-Kummissjoni biss li għandha l-leġittimità biex tmexxi diskussjonijiet bħal dawn.

40 Ara t-Taqsima 2 ta' "The sustainability of advanced biofuels in the EU" (Is-sostenibbiltà ta' bijokarburanti avvanzati fl-UE), IEEP, Londra, 2013.

41 Pereżempju, żejt tal-arżnu (li jiġi mill-industrija tal-ipproċessar tal-injam) jitqies bħala skart u għalhekk jiġi kkalkolat doppju fl-lżvezja, filwaqt li fir-Renju Unit ma jiġix ikkalkolat doppju billi jintuża bħala prekursor kimiku.

42 Id-Direttiva (UE) 2015/1513.

43 L-Artikolu 3(f) u l-Anness IX, li l-Istati Membri għandhom jikkonformaw magħhom sal-10 ta' Settembru 2017.

44 L-Artikolu 3(4)(e) tad-Direttiva RED, kif emendat.

Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

72

Bħala parti mill-Pakkett tal-UE dwar l-Enerġija u t-Tibdil fil-Klima adottat mill-Kunsill Ewropew fl-2009, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li s-sehem ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli fil-forom kollha ta' trasport fl-2020 ikun mill-inqas 10 % tal-konsum finali tagħhom f'dan is-settur. Is-sors ta' enerġija rinnovabbli li jintuża b'mod predominanti mill-Istati Membri fis-settur tat-trasport huwa l-bijokarburant. Madankollu, għall-mira ta' 10 % fit-trasport, l-Istati Membri jistgħu jinkludu biss bijokarburanti li jkunu ċċertifikati bħala sostenibbli minn skemi volontarji rikonoxxuti mill-Kummissjoni⁴⁵.

73

L-awditu indirizza l-mistoqsija "Il-Kummissjoni u l-Istati Membri stabbilew sistema taċ-ċertifikazzjoni affidabbli għall-bijokarburanti sostenibbli?" Aħna nikkonkludu li, minħabba fi dgħufijiet fil-proċedura ta' rikonoxximent tal-Kummissjoni, u fis-supervizzjoni sussegwenti tal-iskemi volontarji, is-sistema taċ-ċertifikazzjoni tal-UE għas-sostenibbiltà tal-bijokarburanti mhjiex kompletament affidabbli.

74

Ir-rikonoxximent ta' skemi volontarji mill-Kummissjoni, illimitat għar-reqwiziti obbligatorji ta' verifikazzjoni tad-Direttiva RED, ma jiżgurax li l-bijokarburanti ċċertifikati huma sostenibbli. Aħna sibna li l-valutazzjonijiet li twettqu mill-Kummissjoni bħala bażi għar-rikonoxximent ta' skemi volontarji ma koprewx adegwament xi aspetti importanti li huma meħtieġa biex tiġi żgurata s-sostenibbiltà tal-bijokarburanti ċċertifikati. B'mod partikolari, il-Kummissjoni ma kienetx li l-iskemi volontarji jivverifikaw li l-produttjoni ta' bijokarburanti li huma jiċċertifikaw ma tikkawżax riskji sinifikanti ta' effetti soċjoekonomiċi negattivi, bħal kunflitti dwar il-pussess ta' art, xogħol tat-tfal/xogħol furzat, kundizzjonijiet tax-xogħol żgħira għall-bdiewa, u perikli għas-saħħa u s-sikurezza. B'mod simili, l-impatt tal-ILUC fuq is-sostenibbiltà tal-bijokarburanti mhuwiex kopert minn din il-valutazzjoni. Għalkemm aħna nirrikonoxxu d-diffikultajiet tekniċi fil-valutazzjoni tal-impatt tal-ILUC, ir-rilevanza tas-sistema tal-UE għaċ-ċertifikazzjoni tas-sostenibbiltà tkun imminata mingħajr din l-informazzjoni (il-paragrafi 30 sa 37).

75

Barra minn hekk, il-Kummissjoni ħarġet deċiżjonijiet ta' rikonoxximent lil skemi volontarji li ma kellhomx proċeduri ta' verifikazzjoni xierqa biex jiżguraw li l-oriġini tal-bijokarburanti prodotti mill-iskart kien tabilħaqq l-iskart (jiġifieri ma ċċekkja l-operatur ekonomiku fejn l-iskart ġie prodott). Il-Kummissjoni ma kienetx konxja mill-problema qabel Ottubru 2014 u mbagħad ħarġet nota ta' gwida fejn issuġġeriet li jenħtieġ li l-iskemi volontarji jiżviluppaw proċeduri speċifiċi tal-awditjar li jkopru l-oriġini tal-iskart (il-paragrafi 38 sa 42).

45 L-Istati Membri jistgħu jstabbilixxu wkoll sistemi taċ-ċertifikazzjoni nazzjonali iżda l-biċċa l-kbira mill-bijokarburanti li jintużaw fl-UE jiġu ċċertifikati minn skemi volontarji.

Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

76

Id-Direttiva RED teħtieġ l-issodisfar ta' rekwiżiti ambjentali tal-UE għall-agrikoltura bħala kriterju ta' sostenibbiltà għall-materji prima għall-bijokarburanti li jiġu kkultivati fl-Unjoni Ewropea. Aħna sibna li skemi volontarji li ma kellhomx proċeduri speċifiċi ta' verifikazzjoni biex jiżguraw il-konformità ma' dan ir-rekwiżit ta' sostenibbiltà, xorta waħda ġew rikonoxxuti mill-Kummissjoni (il-paragrafu 28).

Rakkomandazzjoni 1 - Valutazzjoni komprensiva ta' skemi volontarji li jitolbu r-rikonoxximent

Għal rikonoxximenti futuri, jenħtieġ li l-Kummissjoni twettaq valutazzjoni aktar komprensiva tal-iskemi volontarji. B'mod partikolari, jenħtieġ li l-qafas ta' valutazzjoni għar-rikonoxximent jivverifika wkoll li l-iskemi:

- (a) Jivvalutaw il-punt sa fejn il-produzzjoni ta' bijokarburanti ċertifikati tinvolvi riskju sinifikanti ta' effetti soċjoekonomiċi negattivi, bħal kunflitti dwar il-pussess ta' art, xogħol tat-tfal/xogħol furzat, kundizzjonijiet tax-xogħol ħżiena għall-bdiewa, perikli għas-saħħa u s-sikurezza, u riskju ta' emissjonijiet minħabba ILUC. Għal dan l-iskop, jenħtieġ li l-Kummissjoni tirrikjedi li l-iskemi volontarji jirrapportaw darba fis-sena, ibbażat fuq l-attivitajiet ta' ċertifikazzjoni tagħhom, kwalunkwe informazzjoni rilevanti dwar ir-riskji msemmija hawn fuq. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tieħu kont ta' rapporti bħal dawn tal-iskemi volontarji meta tkun qed twettaq l-obbligi ta' rappurtar proprji tagħha kif stabbiliti fid-Direttiva RED.
- (b) Jivverifikaw b'mod effettiv li l-produtturi ta' materja prima għall-bijokarburanti fl-UE jikkonformaw mar-rekwiżiti ambjentali tal-UE għall-agrikoltura.
- (c) Jipprovdu evidenza suffiċjenti tal-orijini tal-iskart u r-residwi li jintużaw għall-produzzjoni ta' bijokarburanti.

77

Aħna sibna li xi skemi ma kinux trasparenti biżżejjed jew kellhom strutturi ta' governanza li kienu jikkonsistu f'rappreżentanti minn ftit operaturi ekonomiċi biss, biex b'hekk dawn żiedu r-riskju ta' kunflitt ta' interess u ma ppermettewx li ssir komunikazzjoni effettiva ma' partijiet interessati oħra (jiġifieri l-Kummissjoni, l-awtoritajiet nazzjonali, skemi oħra, korpi taċ-ċertifikazzjoni u operaturi ekonomiċi). Fil-fehma tagħna, dan huwa spjegat bil-fatt li l-Kummissjoni ma qasitx dawn il-kwistjonijiet matul il-proċess ta' rikonoxximent. Fl-2015, il-Kummissjoni ħarġet nota ta' gwida bl-għan li ttejjeb it-trasparenza tal-iskemi volontarji rikonoxxuti. Madankollu, ir-rekwiżiti tagħha ma ġewx infurzati (il-paragrafi 46 sa 49, u 59).

Rakkomandazzjoni 2 - Jiġu żgurati governanza u trasparenza xierqa tal-iskemi volontarji

Għal rikonoxximenti futuri, jenħtieġ li l-Kummissjoni:

- (a) tivvaluta jekk il-governanza tal-iskemi volontarji tnaqqas ir-riskju ta' kunflitt ta' interess;
- (b) titlob li l-iskemi volontarji jstabilixxu sit web uffiċjali fejn ir-rekwiżiti minimi ta' trasparenza jkunu disponibbli għall-pubbliku. Dawk ir-rekwiżiti jinkludi, mill-inqas: dettalji uffiċjali ta' kuntatt (indirizz, telefown, email); informazzjoni dwar il-governanza tal-iskema volontarja u l-kwalifiki u l-esperjenza tal-manigera u l-persunal ewlieni tagħha; lista kompleta tal-korpi ta' ċertifikazzjoni li joperaw taħt l-iskema; listi dettaljati ta' ċertifikati validi, skaduti u rtirati (bid-dati); rapporti tal-awditjar; informazzjoni dwar is-sistema tal-iskemi volontarji għal ilmenti/mistoqsijiet u informazzjoni dwar il-ksur li jinqabad. Jenħtieġ li l-iskemi volontarji jimpenjaw lilhom infushom biex jaġġornaw f'waqtha l-informazzjoni li tiġi ddivulgata.

78

Aħna sibna wkoll li l-Kummissjoni ma tissorveljax il-funzjonament ta' skemi volontarji rikonoxxuti. Billi d-deċiżjoni ta' rikonoxximent tinħareġ abbażi ta' analiżi dokumentarja tal-proċeduri ta' ċertifikazzjoni, in-nuqqas ta' superviżjoni jfisser li l-Kummissjoni ma tistax tikseb aċċertament li l-iskemi volontarji verament japplikaw l-istandards ta' ċertifikazzjoni ppreżentati għar-rikonoxximent. Barra minn hekk, il-Kummissjoni ma għandha ebda mod kif taqbad ksur allegat tar-regoli ta' skema volontarja billi ma hemmx stabbilita sistema speċifika għal ilmenti, u l-Kummissjoni ma tivverifikax jekk l-ilmenti indirizzati direttament lill-iskemi volontarji jiġux ittrattati b'mod korrett minnhom (il-paragrafu 55).

Rakkomandazzjoni 3 - Superviżjoni mill-Kummissjoni

Jenħtiegħ li l-Kummissjoni, b'effett immedjat, tissorvelja skemi volontarji rikon-
oxxuti billi:

- (a) Tiċċekkja li l-operazzjonijiet ta' ċertifikazzjoni tal-iskemi jikkonformaw mal-
istandards ippreżentati għar-rikonoxximent.
- (b) Titlob li l-iskemi volontarji jistabbilixxu sistemi trasparenti għal ilmenti
li, bħala minimu, jenħtiegħ li jkollhom il-karatteristiċi li ġejjin: i) ikunu
aċċessibbli faċilment fuq is-siti web tagħhom; ii) jagħtu informazzjoni dwar
kif għandhom isiru l-ilmenti, dwar il-perjodu ta' żmien li tiegħu l-proċedura
u dwar il-possibbiltà li jsir appell jekk l-ilmenti ma jiġux aċċettati; iii) ikopru
kemm ilmenti kontra korpi taċ-ċertifikazzjoni kif ukoll ilmenti kontra operatu-
ri ekonomiċi taħt l-iskema volontarja; iv) ikollhom sistema ta' traċċar ibbażata
fuq reġistri. Jenħtiegħ li l-Kummissjoni tivverifika sistematikament l-informazz-
joni li tinsab fir-reġistri u tiegħu azzjoni jekk dan jitqies xieraq.

79

L-Istati Membri huma responsabbli biex jiżguraw li *d-data* dwar bijokarburanti
sostenibbli rrapportata lill-Kummissjoni tkun affidabbli. *Id-data* nazzjonali rela-
tata mas-sehem ta' bijokarburanti konformi fit-total tal-karburanti għat-trasport
tista' ma tkunx affidabbli, billi l-istatistika tal-bijokarburant iċċertifikat bħala
sostenibbli tista' tkun stmata b'mod eċċessiv. Aħna sibna li l-Istati Membri (kif
inhuwa l-każ għall-Polonja) jistgħu jirrapportaw bħala sostenibbli, bijokarburanti
li s-sostenibbiltà tagħhom ma tkunx ġiet iddimostrata (il-paragrafu 65).

Rakkomandazzjoni 4 - Ġbir u rappurtar ta' data dwar il- bijokarburanti sostenibbli

Sabiex iżżid l-aċċertament dwar l-affidabbiltà tad-*data* dwar bijokarburanti
sostenibbli, jenħtiegħ li l-Kummissjoni tipproponi li l-Istati Membri jsostnu l-
istatistika tagħhom b'evidenza dwar l-affidabbiltà tal-kwantitajiet ta' bijokar-
buranti rrapportati. Dan jista' jkun fil-forma ta' ċertifikat/dikjarazzjoni ġenerali li
tinħareġ mill-entità inkarigata mill-ġbir ta' *data* dwar bijokarburanti sostenibbli
u t-trażmissjoni tagħha lill-awtorità nazzjonali, li mbagħad tibgħatha lill-Eurostat.

Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

80

L-affidabbiltà u l-komparabbiltà tal-istatistika dwar il-bijokarburanti sostenibbli huma mminati mill-fatt li fl-UE ma teżistix identifikazzjoni unika tas-sustanzi li għandhom jitqiesu bħala skart. Konsegwentement, id-definizzjoni ta' skart tvarja fost l-Istati Membri: Stat Membru wieħed jista' jqis li sustanza partikolari għandha użu u għaldaqstant li mhijiex skart, filwaqt li Stat Membru ieħor iqis li l-istess sustanza hija skart u eliġibbli għall-produzzjoni ta' bijokarburanti li huma kkalkolati doppju. Waħda mill-emendi li ġew adottati f'Settembru 2015 tintroduċi anness fid-Direttiva RED b'lista ta' materji prima u karburanti li l-kontribut tagħhom lejn il-mira ta' 10 % fit-trasport jista' jiġi kkalkolat doppju. Madankollu, id-Direttiva RED għadha tippermetti l-użu ta' materji prima li mhumiex inklużi fil-lista, iżda li huma ddeterminati bħala skart mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti⁴⁶ (il-paragrafi 68 u 69).

Rakkomandazzjoni 5 - Armonizzazzjoni tad-definizzjoni ta' skart li jintuża għall-produzzjoni ta' bijokarburanti avanzati

Għalkemm id-definizzjoni ta' materja prima li tista' tintuża għall-produzzjoni ta' bijokarburanti "kkalkolati doppju" issa hija stipulata fid-Direttiva RED emendata, għadha teżisti l-possibbiltà li sustanza titqies bħala skart fi Stat Membru wieħed iżda mhux fi Stat Membru ieħor. Biex tiżgura l-komparabbiltà tal-istatistika dwar bijokarburanti sostenibbli u biex iżżid l-aċċertament dwar l-affidabbiltà tad-*data* dwar bijokarburanti avanzati, jenħtieġ li l-Kummissjoni tipproponi lill-Istati Membri, mill-iktar fis possibbli, li ssir armonizzazzjoni tad-definizzjoni ta' sustanzi ta' skart li mhumiex inklużi fil-lista tad-Direttiva RED, u li jintużaw għall-produzzjoni ta' bijokarburanti avanzati fl-installazzjonijiet li kienu diġà jeżistu qabel l-adozzjoni tad-Direttiva (UE) 2015/1513 li temenda d-Direttiva RED.

Dan ir-Rapport ġie adottat mill-Awla I, immexxija mis-Sinjura Kersti KALJULAI, Membru tal-Qorti tal-Awdituri, fil-Lussemburgu fil-laqgħa tagħha tal-25 ta' Mejju 2016.

Għall-Qorti tal-Awdituri



Vítor Manuel da SILVA CALDEIRA
President

⁴⁶ L-Artikolu 3(4)(e) tad-Direttiva RED, kif emendat.

Karburanti u bijokarburanti fit-trasport - ktoe 2014

Stat Membru	Karburanti Fossili			Bijokarburanti		
	Petrol (1)	Diżil (2)	Total tal-petrol u d-diżil (3=1+2)	Il-bijokarburanti kollha ^{a)}	Il-bijokarburanti kollha	Li minnhom: Bijokarburanti kkalkolati doppju
BE	1 241.74	6 862.66	8 104.40	387.60	387.60	0.00
BG	495.06	1 610.39	2 105.45	110.87	110.87	0.00
CZ	1 509.78	3 757.93	5 267.71	316.76	316.76	0.00
DK	1 299.22	2 375.54	3 674.76	213.42	213.42	0.00
DE	17 474.16	31 813.51	49 287.67	2 806.49	2 806.49	518.25
EE	236.22	494.00	730.22	5.76	0.00	0.00
IE	1 136.93	2 420.73	3 557.66	116.18	116.18	76.96
EL	2 583.00	2 175.27	4 758.26	135.21	30.05	30.05
ES	4 405.03	20 616.75	25 021.78	944.88	0.00	0.00
FR	6 522.12	32 159.62	38 681.74	2 955.35	2 955.35	133.91
HR	536.15	1 216.01	1 752.16	29.86	29.86	0.00
IT	8 303.64	22 987.15	31 290.79	1 065.17	1 063.47	185.80
CY	350.22	230.06	580.28	9.72	9.72	6.09
LV	201.30	688.12	889.41	22.02	22.02	0.00
LT	197.19	1 213.96	1 411.15	63.20	59.71	0.00
LU	313.25	1 707.96	2 021.21	68.68	68.57	41.37
HU	1 211.90	2 332.40	3 544.31	193.27	193.27	52.77
MT	73.95	102.70	176.65	4.65	4.32	4.32
NL	3 715.85	5 770.92	9 486.77	349.06	336.56	212.56
AT	1 581.62	5 483.35	7 064.97	593.41	531.91	0.00
PL	3 462.26	9 090.31	12 552.57	705.37	705.37	0.00
PT	1 119.49	3 813.39	4 932.88	261.25	151.54	15.82
RO	1 339.28	3 615.17	4 954.45	166.96	166.65	0.00
SI	439.60	1 288.93	1 728.53	42.37	42.37	0.00
SK	540.22	1 350.55	1 890.78	133.87	130.60	0.00
FI	1 364.95	2 101.32	3 466.27	497.65	496.28	451.01
SE	2 731.97	3 676.79	6 408.76	992.10	992.10	419.80
UK	12 678.62	24 554.41	37 233.03	1 179.00	1 179.00	686.00
Total	77 064.72	195 509.91	272 574.63	14 370.13	13 120.04	2 834.71

li minnhom:

Bijodiżil	11 367.62	4.0%	% fil-karburanti għat-trasport
Bijogażolina	2 636.91	0.9%	
Total tal-karburanti għat-trasport	286 944.76		

a) Iċ-ċifri f'din il-kolonna jinkludu bijodiżil, bijogażolina u, għal ċerti Stati Membri, kwantitajiet żgħir ta' bijogass.

Sors: Ir-riżultati dettaljati tal-ISHMA għall-2014, tal-EUROSTAT

Governanza ta' skemi volontarji

Skema Volontarja	Sjieda	Governanza	Statuti jew ekwivalenti
SV li tappartjeni għall-membri tagħha (sħubija miftuħa)			
SV01	Membri	L-Assemblea Ġenerali taħtar sitt Membri tal-Bord. Il-Bord jimmaniġġja l-affarijiet tal-assoċjazzjoni u huwa marbut bir-riżoluzzjonijiet tal- Assemblea Ġenerali , fejn jipparteċipaw il-membri kollha. Il- Bord jirrapporta lill-Assemblea Ġenerali u huwa appoġġat minn Bord Eżekuttiv u minn Kumitati Tekniċi . Il-Bord Eżekuttiv iwettaq in-negozju operattiv tas-sistema taċ-ċertifikazzjoni.	Iva
SV02	Membri	Il- Membri huma assenjati għal Klassijiet li Jeleġġu. Il-Klassijiet li Jeleġġu jaħtru minn 2 sa 18-il Direttur għall- Bord tad-Diretturi . Il-Bord huwa responsabbli għas-superviżjoni u l-ġestjoni tal-iskema. Il-Bord jaħtar lill-uffiċjal eżekuttiv u lill-korp eżekuttiv tal-iskema: l- Uffiċjal Kap Eżekuttiv u s- Segretarjat . Il-Bord jikkostitwixxi wkoll Kumitat ta' Governanza . Il-Bord jistabbilixxi u jiddelega ċerti setgħat lil Kumitati, Gruppi ta' Ħidma u Task Forces .	Iva
SV03	Membri	L- Assemblea Ġenerali hija l-ogħla korp deċiżjonali tal-iskema u hija teleġġi l- Bord Eżekuttiv b' massimu ta' 15-il membru. Il-Bord Eżekuttiv jaħtar Segretarjat u jafdah bil-ġestjoni operazzjonali tal-iskema. Gruppi ta' Ħidma ad hoc jiġu ffurmati skont il-ħtiġijiet għal ċerti suġġetti speċifiċi.	Iva
SV04	Membri	Il-membri tal-iskema huma organizzati f' 'seba' Awli li jeleġġu l-korp ta' tmexxija tal-organizzazzjoni (l- Assemblea Ġenerali tad-Delegati). L-Assemblea teleġġi Bord tad-Diretturi (ta' minn 5 sa 9 membri) li huwa responsabbli għall-ġestjoni tal-iskema u jirrappreżenta l-Assoċjazzjoni quddiem partijiet terzi. Il-Bord tad-Diretturi jipprovdi sorveljanza lis- Segretarjat u jista' jaħtar Direttur Eżekuttiv. Id-Direttur Eżekuttiv huwa responsabbli għall-implimentazzjoni tal-istrateġija u l-politiki tal-Assoċjazzjoni u jmxexxi l-attivitatiet tas-Segretarjat li huwa responsabbli għat-temxija ta' kuljum tal-iskema. Id-Diretturi jistgħu jistabbilixxu wkoll kumitati, gruppi ta' ħidma u bordijiet konsultattivi .	Iva
SV05	Membri	L- Assemblea Ġenerali ordinarja hija magħmula mill-Membri kollha tal-iskema. L-Assemblea Ġenerali teleġġi t-3 sa 16-il membru tal- Bord tal-Gvernaturi . L-amministrazzjoni ġenerali tal-iskema hija r-responsabbli ta' tal-Bord tal-Gvernaturi f'kollaborazzjoni mas- Segretarju Ġenerali . Il-Bord tal-Gvernaturi jafda l-amministrazzjoni ta' kuljum tal-iskema lis-Segretarju Ġenerali u lis- Segretarjat . Il-Bord tal-Gvernaturi jista' jaħtar u jiddelega parti mis-setgħat u r-responsabbiltajiet tiegħu lil Gruppi ta' Ħidma, Kumitati Permanenti jew Task Forces .	Iva

Skema Volontarja	Sjieda	Governanza	Statuti jew ekwivalenti
SV li tappartjeni għal konsorzji, organizzazzjonijiet jew assoċjazzjonijiet			
SV06	Konsorzju ta' 7 entitajiet.	Il-konsorzju tas-seba' membri fundaturi jaħtar membri għall- Kumitat ta' Tmexxija tal-iskema. Il-Kumitat ta' Tmexxija huwa l-entità governattiva tal-iskema u jagħti mandat (permezz ta' għażla u kuntratt) lil Konsulent Tekniku - li jagħmel ukoll parti mill-Kumitat ta' Tmexxija - għal kompetenzi tekniċi xierqa għall-ġestjoni teknika tal-iskema.	Iva
SV07	Korp umbrella għal bosta skemi ta' assigurazzjoni.	Il- Bord tal-korp umbrella huwa magħmul minn tim ta' esperti u jirregola l-operat tal-kumpanija. Huwa jissorvelja l-iskemi differenti, li huma mmaniġġjati minn Bordijiet settorjali. Il- Bordijiet tas-Settur tal-Assigurazzjoni jissorveljaw il-ġestjoni tal-iskemi tas-Setturi, fosthom l- Iskema Volontarja , u l-attivitajiet tagħhom. Dawn l-iskemi tas-Setturi huma magħmula minn esperti u rappreżentanti mis-setturi. Kull Settur tal-Assigurazzjoni għandu Kumitati ta' Konsulenza Teknika li huma magħmulin minn esperti fis-settur. Huma responsabbli għall-manutenzjoni u l-iżvilupp kontinwi tal-Istandards tal-iskema Volontarja. Skemi differenti joperaw f'setturi differenti tal-ikel u l-korp umbrella jgħin fl-iżvilupp tal-istandards dettaljati u s-sistemi ta' spezzjoni għal kull settur.	Ma nstabux
SV08	Kumpanija Limitata b'Garanzija, fejn il-membri/il-garanti jinkludu 8 entitajiet differenti.	L-informazzjoni disponibbli online mhijiex ċara ħafna u tissuġġerixxi li l-Bord tad-Diretturi tal-iskema jirrapporta lill- Kap Eżekuttiv tal-kumpanija omm. L-iskema hija kkontrollata minn Bord tad-Diretturi li huwa responsabbli għad-direzzjoni, il-ġestjoni kumplessiva u l-amministrazzjoni tal-kumpanija. Żewġ grupp ta' ħidma huma responsabbli għall-iżvilupp u l-monitoraġġ tal-aspetti tekniċi u ta' kummerċjalizzazzjoni tal-operat tal-iskema.	Ma nstabux
SV09	10 assoċjazzjonijiet u organizzazzjonijiet mis-setturi tal-agrikoltura, il-kummerċ, il-karburanti, il-bijokarburanti u l-bijogass.	Assemblea tal-Azzjonisti taħtar lill- Maniġment Eżekuttiv u tinnomina Kumitat Konsultattiv u Kumitat tas-Sanzjonijiet biex jappoġġaw lill-Maniġment Eżekuttiv. Il-ġestjoni u l-operat tal-iskema ġew iddelegati (permezz ta' ftehim ma' aġenzija) lil kumpanija. Huwa l-Kumitat Konsultattiv li jagħti bidu u jikkoordina l-miżuri għall-manutenzjoni u l-iżvilupp ulterjuri tas-sistema taċ-ċertifikazzjoni tal-iskema.	Ma nstabux
SV10	Assoċjazzjoni kummerċjali.	Il- Grupp ta' Konsulenza Teknika tal-iskema huwa magħmul minn rappreżentanti mill-assoċjazzjoni kummerċjali bħala Sidien tal-iskema u Korp taċ-Ċertifikazzjoni mexxej. Dan il-Grupp Espert jieħu deċiżjonijiet u jagħmel rakkomandazzjonijiet dwar kwistjonijiet operazzjonali li jirrigwardaw l-applikazzjoni u t-twassil tal-iskema.	Ma nstabux
SV11	Konfererazzjoni.	L-iskema tappartjeni għal u hija mmaniġġjata minn konfederazzjoni , li żviluppat u implimentat l-iskema.	Ma nstabux
SV12	Konfererazzjoni.	L-iskema tappartjeni għal u hija mmaniġġjata minn konfederazzjoni , li żviluppat u implimentat l-iskema.	Ma nstabux

Skema Volontarja	Sjieda	Governanza	Statuti jew ekwivalenti
SV li tappartjeni għal korpi pubbliċi			
SV13	Korp Naz-zjonali għall-Istandardizzazzjoni	L-iskema hija mmaniġġjata mill-Korp Nazzjonali għall-Istandardizzazzjoni skont l-istrutturi stabbiliti għall-ġestjoni tal-iskemi tiegħu. Il-Korp Nazzjonali għall-Istandardizzazzjoni huwa responsabbli għall-iżvilupp ta' standards. Il-Korp Nazzjonali għall-Istandardizzazzjoni għandu l-korpi li ġejjin involuti fil-ġestjoni tal-iskemi tiegħu: Ġestjoni tal-Iskema; Kumitat għall-Ġestjoni tal-Iskema; Kumitat ta' Esperti; u Kumitat ta' Analiżi.	Ma nstabux
SV14	Istitut Nazzjonali tar-Riċerka	L-Amministratur tas-Sistema huwa d-Direttur tal-Istitut Nazzjonali tar-Riċerka. Huwa jistabbilixxi l- Bord tas-Sistema . Il-Bord tas-Sistema jissorvelja l-korpi taċ-ċertifikazzjoni fi ħdan il-qafas tas-Sistema u jissettja d-direzzjonijiet għall-iżvilupp tal-iskema. Il-Bord huwa ssorveljat kemm mill-Amministratur tas-Sistema kif ukoll mill- Kunsill tas-Sistema . L- Uffiċċju tas-Sistema jappoġġa lill-Bord fl-attivitajiet tiegħu u jirrapporta lill-Amministratur tas-Sistema. Il-Kunsill tas-Sistema tal-iskema huwa magħmul minn 5 sa 10 membri (esperti esterni maħtura mid-Direttur tal-Istitut Nazzjonali tar-Riċerka). Il-kompiti prinċipali tiegħu huma: is-superviżjoni tal-indipendenza, it-trasparenza, l-evitar ta' kunflitti ta' interess bejn il-parteċipanti tas-sistema u l-korpi taċ-ċertifikazzjoni, l-eżaminar ta' lmenti u proposti, l-issettjar ta' direzzjonijiet għall-iżvilupp tal-iskema.	Ma nstabux
SV li tappartjeni għal kumpaniji			
SV15	Kumpanija privata	Ġestjoni taħt ir-responsabbiltà kumplessiva tal-kumpanija li tiddelega r-responsabbiltà lill-persunal tagħha stess jew lil kumpaniji terzi speċjalisti.	Ma nstabux
SV16	Kumpanija privata	Ma nstabitx	Ma nstabux
SV17	Kumpanija privata	Mis-sit web tad-DG Enerġija: Id-dokumenti li jissemmew f'din l-iskema huma parti mis-Sistema ta' Ġestjoni [tal-kumpanija] u jiġu aġġornati u miżmuma skont il-proċeduri tagħha. Il-persuna responsabbli biex taġġorna din l-iskema fil-[kumpanija] hija d-Direttur, Sostenibbiltà u Konformità tal-Fornituri. Din l-iskema ta' verifikazzjoni tiġi analizzata kull sena mill-HSEQ u l-funzjoni ta' Sostenibbiltà [tal-kumpanija]. Il-parteċipanti tal-iskema jiġu informati kif meħtieġ. Fil-każ li jiġu introdotti bidliet materjali, l-iskema tintbagħat lill-Kummissjoni Ewropea għal informazzjoni jew għal approvazzjoni.	Ma nstabux
SV18	Kumpanija privata	Ma nstabitx	Ma nstabux
Għodda ta' kalkolu rikonoxxuta bħala SV			
SV19	Istitut tar-Riċerka	Attwalment l-iskema volontarja hija mmaniġġjata mill- Istitut tar-Riċerka , wieħed mill-isħab preċedenti tal-proġett.	M/A

Sors: Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri, ibbażat fuq siti tal-internet.

Bħala istituzzjoni tal-UE, il-Qorti Ewropea tal-Awdituri trid tibbilanċja l-interess tal-UE li tiggarrantixxi t-trasparenza tal-atti tagħha u li tiżgura li jsir l-aħjar użu tal-fondi pubbliċi, kontra l-interferenza mad-dritt li l-persuni u l-entitajiet ikkonċernati għandhom li l-ħajja privata inġenerali tagħhom tiġi rispettata u, b'mod partikolari, li d-*data* personali tagħhom tiġi rispettata. Għalhekk, f'dan ir-rapport, aħna ma nidentifikawx b'isimhom l-iskemi volontarji kkonċernati mill-osservazzjonijiet tagħna. Deskrizzjoni oġġettiva tal-fatti li tistabbilixxi n-nuqqasijiet irrappurtati għandha tkun biżżejjed biex l-istituzzjonijiet kompetenti jaslu għall-konklużjonijiet tagħhom stess mir-rapport u biex jadottaw miżuri xierqa b'rispons għal dan.

Anness III

Trasparenza ta' skemi volontarji

Skema Volontarja ^{a)}	Punti relatati mat-trasparenza li huma elenkati fl-ittra ta' gwida tal-Kummissjoni ^{b)}					Punti importanti oħra relatati mat-trasparenza				
	Dettagli ta' kuntatt (telefon, email, indirizz)	Operaturi ekonomiċi taħt l-SV (ċertifikati validi)	Operaturi ekonomiċi taħt l-SV I-SV (ċertifikati validi)	Korpi ta-ċertifikazzjoni	Ismijiet ta' SV oħra rikonoxxuti	Governanza	Statuti jew ekwivalenti	Kwalifiki tat-tim (CVs, eċċ.)	Sistema għal ilmenti	Ksur li nqabad (ċertifikati rtrirati)
SV li tappartjeni għall-membri tagħha (shubja miftuħa) jew għal korpi pubbliċi										
SV02	Iva	Iva	Iva	Iva	Ma nstabux	Għolja	Iva	Iva	Iva (mhux online)	Iva
SV03	Iva	Iva	Ma nstabux	Iva	Ma nstabux	Għolja	Iva	Iva	Iva (mhux online)	Ma nstabux
SV13	Iva	Iva	Iva	Iva	Ma nstabux	Baxxa	Ma nstabux	Teħtieġ titjib		Iva
SV05	Parzjali ^{c)}	Iva	Ma nstabux	Iva	Ma nstabux	Għolja	Iva	Iva	Iva	Ma nstabux
SV04	Iva	Iva	Iva	Iva	Ma nstabux	Għolja	Iva	Iva	Iva (mhux online)	Ma nstabux
SV14	Iva	Iva	Ma nstabux	Iva	Ma nstabux	Għolja	Ma nstabux	Teħtieġ titjib		Ma nstabux
SV01	Iva	Iva	Iva	Iva	Ma nstabux	Għolja	Iva	Iva	Iva (mhux online)	Iva

I-aħjar Prattiki

titjib rakkomandat

sitwazzjoni mhux ċara. Titjib rakkomandat.

- a) Minħabba fin-natura differenti tagħha, l-għodda ta' kalkolu ta' GHG Biograce ma tagħmilx parti minn din il-lista.
- b) Il-punti elenkati jinkludu wkoll il-verżjonijiet l-aktar reċenti tal-ischema, madankollu, il-Kummissjoni biss tista' tikkonferma l-konformita' tagħha.
- c) Mill-inqas waħda mill-formoli ta' kuntatt elenkati ma ngħatatx.
- d) Informazzjoni tal-entitajiet s'dien. Mhuwiex indikat jekk din tapplikax għall-SV.

Governanza: Għolja = L-informazzjoni ddivulgata hija suffiċjenti
 Medja = L-informazzjoni ddivulgata se titjib
 Baxxa = L-informazzjoni ddivulgata hija insuffiċjenti.

Anness III

Skema Volontarja ^{a)}	Punti relatati mat-trasparenza li huma elenkati fl-ittra ta' gwida tal-Kummissjoni ^{b)}						Punti importanti oħra relatati mat-trasparenza			
	Dettagli ta' kuntatt (telefown, email, indirizz)	Operaturi ekonomiċi taħt l-SV (ċertifikati validi)	Operaturi ekonomiċi taħt l-SV (ċertifikati validi)	Korpi taċ-ċertifikazzjoni	Ismijiet ta' SV oħra rikonxxuti	Governanza	Statuti jew ekwivalenti	Kwalifikat-tim (CVs, eċċ.)	Sistema għal ilmenti	Ksur li nqabad (ċertifikati ritirati)
Tipi oħra ta' SV										
SV08	Iva	Ma nstabux	Ma nstabux	Ma nstabux	Ma nstabux	Medja	Ma nstabux	Ma nstabux	Ma nstabix	Ma nstabix
SV17	Ma nstabux	Ma nstabux	Ma nstabux	Ma nstabux	Ma nstabux	Baxxa	Ma nstabux	Ma nstabux	Ma nstabix	Ma nstabix
SV11	Iva ^{d)}	Iva	Ma nstabux	Ma nstabux	Ma nstabux	Baxxa	Ma nstabux	Ma nstabux	Teħtieġ titjib	Iva
SV06	Parzjali ^{c)}	Iva	Iva	Iva	Ma nstabux	Għolja	Iva	Ma nstabux	Teħtieġ titjib	Iva
SV16	Iva	Ma nstabux	Ma nstabux	Ma nstabux	Ma nstabux	Baxxa	Ma nstabux	Iva ^{d)}	Ma nstabix	Ma nstabix
SV07	Iva	Ma nstabux	Ma nstabux	Iva	Ma nstabux	Medja	Ma nstabux	Iva	Teħtieġ titjib	Ma nstabix
SV09	Iva	Iva	Iva	Iva	Ma nstabux	Għolja	Ma nstabux	Ma nstabux	Ma nstabix	Iva
SV12	Iva ^{d)}	Iva	Ma nstabux	Ma nstabux	Ma nstabux	Baxxa	Ma nstabux	Ma nstabux	Teħtieġ titjib	Iva
SV10	Iva ^{d)}	Iva	Ma nstabux	Iva	Iva	Medja	Ma nstabux	Iva ^{d)}	Teħtieġ titjib	Ma nstabix
SV18	Iva	Ma nstabux	Ma nstabux	Iva	Ma nstabux	Baxxa	Ma nstabux	Ma nstabux	Ma nstabix	Ma nstabix
SV15	Iva ^{d)}	Iva	Ma nstabux	Iva	Iva	Baxxa	Ma nstabux	Ma nstabux	Ma nstabix	Ma nstabix

I-aħjar Prattiki

titjib rakkomandat

sitwazzjoni mhux ċara. Titjib rakkomandat.

a) Minħabba fin-natura differenti tagħha, l-għodda ta' kalkolu ta' GHG Biograce ma tagħmilx parti minn din il-lista.

b) Il-punti elenkati jinkludu wkoll il-verżjonijiet l-aktar reċenti tal-ischema, madankollu, il-Kummissjoni biss tista' tikkonferma l-konformità tagħha.

c) Mill-inqas waħda mill-formoli ta' kuntatt elenkati ma ngħatatx.

d) Informazzjoni tal-entitajiet s'dien. Mhuwiex indikat jekk din tapplikax għall-SV.

Governanza: Għolja = L-informazzjoni ddivulgata hija suffiċjenti
 Medja = L-informazzjoni ddivulgata se titjib
 Baxxa = L-informazzjoni ddivulgata hija insuffiċjenti.

Sors: Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri, ibbażat fuq siti tal-internet.

Bħala istituzzjoni tal-UE, il-Qorti Ewropea tal-Awdituri trid tibbilanċja l-interess tal-UE li tiggarrantixxi t-trasparenza tal-atti tagħha u li tiżgura li jsir l-aħjar użu tal-fondi pubbliċi, kontra l-interferenza mad-dritt li l-persuni u l-entitajiet ikkonċernati għandhom li l-ħajja privata inġenerali tagħhom tiġi rispettata u, b'mod partikolari, li d-datat personali tagħhom tiġi rispettata. Għalhekk, f'dan il-rapport, aħna ma nidentifikawx b'isimhom l-iskemi volontarji kkonċernati mill-osservazzjonijiet tagħna. Deskrizzjoni oġġettiva tal-fatti li tistabbilixxi n-nuqqasijiet irrapportati għandha tkun biżżejjed biex tistabbilixxi kompetenti jaślu għall-konklużjonijiet tagħhom stess mir-rapport u biex jaddottaw miżuri xierqa b'rispons għal dan.

Rekwiżiti ta' kundizzjonalità

Rekwiżiti ta' kundizzjonalità li jissemmew fl-Artikolu 17(6) tad-Direttiva RED

("ir-rekwiżiti u l-istandards taħt id-dispożizzjonijiet imsemmija taħt l-intestatura "Ambjent" fil-Parti A u fil-punt 9 tal-Anness II tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 tad-19 ta' Jannar 2009 u r-rekwiżiti minimi għal kundizzjoni agrikola u ambjentali tajba definita skont l-Artikolu 6(1) ta' dak ir-Regolament")

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009, l-Anness II, il-Parti A:

Environment

1.	Council Directive 79/409/EEC of 2 April 1979 on the conservation of wild birds (OJ L 103, 25.4.1979, p. 1)	Article 3(1), Article 3(2)(b), Article 4(1), (2) and (4) and Article 5(a), (b) and (d)
2.	Council Directive 80/68/EEC of 17 December 1979 on the protection of groundwater against pollution caused by certain dangerous substances (OJ L 20, 26.1.1980, p. 43)	Articles 4 and 5
3.	Council Directive 86/278/EEC of 12 June 1986 on the protection of the environment, and in particular of the soil, when sewage sludge is used in agriculture (OJ L 181, 4.7.1986, p. 6)	Article 3
4.	Council Directive 91/676/EEC of 12 December 1991 concerning the protection of waters against pollution caused by nitrates from agricultural sources (OJ L 375, 31.12.1991, p. 1)	Articles 4 and 5
5.	Council Directive 92/43/EEC of 21 May 1992 on the conservation of natural habitats and of wild flora and fauna (OJ L 206, 22.7.1992, p. 7)	Article 6 and Article 13(1)(a)

Il-Punt 9:

9.	Council Directive 91/414/EEC of 15 July 1991 concerning the placing of plant protection products on the market (OJ L 230, 19.8.1991, p. 1)	Article 3
----	--	-----------

L-Artikolu 6(1):

"Kundizzjoni agrikola u ambjentali tajba

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-art agrikola kollha, speċjalment art li ma għadhiex tintuża għal finijiet ta' produzzjoni, tinżamm f'kundizzjoni agrikola u ambjentali tajba. L-Istati Membri għandhom jiddefinixxu, il-livell nazżjonali jew reġjonali, il-kundizzjonijiet (ir-rekwiżiti) minimi għall-kundizzjoni agrikola u ambjentali tajba abbażi tal-qafas stabbilit fl-Anness III, wara li jkunu tqiesu l-karatteristiċi speċifiċi taż-żoni kkonċernati, inklużi l-kundizzjonijiet tal-ħamrija u klimatiċi, sistemi tal-biedja eżistenti, l-użu tal-art, in-newba tal-uċuħ tar-raba', prattiki tal-biedja, u l-istrutturi tal-farms."

Anness III:

Issue	Compulsory standards	Optional standards
Soil erosion: Protect soil through appropriate measures	— Minimum soil cover — Minimum land management reflecting site-specific conditions	— Retain terraces
Soil organic matter: Maintain soil organic matter levels through appropriate practices	— Arable stubble management	— Standards for crop rotations
Soil structure: Maintain soil structure through appropriate measures		— Appropriate machinery use
Minimum level of maintenance: Ensure a minimum level of maintenance and avoid the deterioration of habitats	— Retention of landscape features, including, where appropriate, hedges, ponds, ditches trees in line, in group or isolated and field margins	— Minimum livestock stocking rates or/and appropriate regimes — Establishment and/or retention of habitats
	— Avoiding the encroachment of unwanted vegetation on agricultural land — Protection of permanent pasture	— Prohibition of the grubbing up of olive trees — Maintenance of olive groves and vines in good vegetative condition
Protection and management of water: Protect water against pollution and run-off, and manage the use of water	— Establishment of buffer strips along water courses ⁽¹⁾ — Where use of water for irrigation is subject to authorisation, compliance with authorisation procedures	

⁽¹⁾ Note: The GAEC buffer strips must respect, both within and outside vulnerable zones designated pursuant to Article 3(2) of Directive 91/676/EEC, at least the requirements relating to the conditions for land application of fertiliser near water courses, referred to in point A.4 of Annex II to Directive 91/676/EEC to be applied in accordance with the action programmes of Member States established under Article 5(4) of Directive 91/676/EEC.

Sommarju eżekuttiv

IV

Il-Kummissjoni wettqet valutazzjonijiet komprensivi tal-iskemi volontarji kollha li ġew rikonoxxuti li jissodisfaw ir-rekwiżiti legali kollha tad-Direttiva. Il-Kummissjoni tikkunsidra li l-iskemi volontarji jipprovdu garanzija li l-bijokarburanti ċertifikati jikkonformaw mal-kriterji obbligatorji li għalihom l-iskemi ġew rikonoxxuti fuq il-bażi ta' valutazzjonijiet komprensivi tal-iskemi volontarji ċertifikati kollha. Madankollu, il-Kummissjoni hija dejjem lesta li tipromwovi l-iżvilupp ulterjuri ta' standards biex is-sistema tkompli tittejjeb dejjem aktar, biex jiġu indirizzati l-isfidi li qed jiġu ffaċċjati matul it-tħaddim tas-sistema u biex jiġi kkunsidrat it-tibdil tal-bażi ġuridika.

V

Id-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli (DER) tiddefinixxi għadd ta' kriterji obbligatorji ta' sostenibbiltà għall-bijokarburanti li jridu jiġu rrispettati biex ikunu eliġibbli għas-sostenn u biex jiġu kkunsidrati fil-miri tal-enerġija rinnovabbli. Il-valutazzjonijiet ta' skemi volontarji koprew b'mod adegwat dawn il-kriterji ta' sostenibbiltà mandatorji u l-iskemi volontarji ġew rikonoxxuti biss sa fejn dawn kienu kapaċi juru l-konformità ma' daww il-kriterji.

Barra minn hekk, id-DER tagħmel referenza għal għadd ta' kwistjonijiet oħra ta' sostenibbiltà bħal effetti soċjoekonomiċi negattivi. Ħafna skemi volontarji jinkludu kriterji ta' sostenibbiltà mhux obbligatorji addizzjonali. Dan jista' jitqies bħala prassi tajba iżda hu strettament volontarju. L-iskemi volontarji ma ġewx ivvalutati dwar sa liema punt huma jkopru wkoll kriterji mhux obbligatorji. Għaldaqstant, l-ebda skema volontarja ma kienet rikonoxxuta fil-kunsiderazzjoni ta' dawn il-kwistjonijiet.

Fil-fehma tal-Kummissjoni, ma jkunx xieraq li jkun obbligu li l-iskemi volontarji jkunu jinkludu kriterji ta' sostenibbiltà mhux obbligatorji. Kieku l-inklużjoni ta' dawn il-kriterji kellha tkun obbligatorja, il-leġislatur kien ikun iddeċieda li dawn jiġu inklużi fis-sett ta' kriterji obbligatorji.

Il-Kummissjoni se tkompli tivvaluta jekk ir-rikonoxximent ta' skemi volontarji għandux jiġi estiż għal aspetti ta' sostenibbiltà mhux obbligatorji. Ta' min jinnota, madankollu, li l-valutazzjoni ta' skemi fir-rigward ta' kriterji mhux vinkolanti hija kumplessa minħabba li dawn huma deskritti f'wisq inqas dettall fit-test leġislattiv mill-kriterji obbligatorji.

Sabiex ittaffi r-riskju ta' tibdil indirett fl-użu tal-art id-DER kif emendata bid-Direttiva (UE) 2015/1513 tinkludi limitu fuq l-ammont ta' bijokarburanti magħmula mill-ikel li jistgħu jgħoddu biex jintlaħqu l-miri tal-enerġija rinnovabbli (7 % tal-konsum tal-enerġija tat-trasport). Il-kriterji ta' sostenibbiltà nfushom ma jkoprux it-tibdil indirett fl-użu tal-art. Għalhekk, l-iskemi volontarji li jikkontrollaw il-konformità mal-kriterji obbligatorji għal kull konsenja ta' bijofjuwil separatament ma jstgħux ikunu meħtieġa li jkopru tibdil indirett fl-użu tal-art.

VI

Il-kontroll tal-orijini tal-iskart u r-residwi ġie kopert fil-valutazzjoni. Fil-valutazzjonijiet kollha kien meħtieġ li l-iskemi volontarji japplikaw id-dispożizzjonijiet rilevanti tad-Direttiva. Dan ikopri t-tipi kollha ta' materja prima, inkluż l-iskart u r-residwi. F'din id-Direttiva mhumiex previsti kriterji speċifiċi tal-verifika għal bijokarburanti prodotti mill-iskart u r-residwi. Fin-nota ta' gwida is-servizzi tal-Kummissjoni rreaġixxew għall-iżviluppi fis-suq li ma setgħux jiġu previsti fiż-żmien meta ġew rikonoxxuti l-iskemi volontarji u sejħu għall-implimentazzjoni ta' miżuri speċifiċi biex jiġi kkunsidrat riskju akbar ta' frodi li tfaċċa biż-żmien meta l-Istati Membri implimentaw il-mekkaniżmu ta' kalkolar doppju. L-iskemi volontarji aġġornaw il-proċeduri ta' kontroll kif meħtieġ.

Barra minn hekk, id-DER ma tistipulax obbligu speċifiku ta' kontroll għall-Istati Membri fir-rigward tal-Artikolu 17(6) tad-DER (li huwa marbut mal-istandards KAAT tal-PAK u ma' Direttivi u Regolamenti oħra rilevanti). Il-Kummissjoni hija wkoll meħtieġa li torganizza skemi volontarji għal raġunijiet diversi minn dawk inklużi fl-Artikolu 17(6) tal-DER. Għaldaqstant, ma jkunx xieraq li dan l-element jiġi inkluż fil-valutazzjoni tal-iskemi volontarji.

VII

Id-DER ma tinkludix rekwiżiti dwar l-istruttura tal-governanza ta' skemi volontarji u b'hekk l-istruttura tal-governanza ma kinitx il-punt fokali tal-istimi bikrin. Il-fokus kien li jiġi żgurat li l-operaturi jkunu suġġetti għal awditjar minn parti terza li hija espliċitament imsemmija fid-Direttiva.

Madankollu, kemm l-istruttura tal-governanza kif ukoll il-miżuri ta' trasparenza jirrikjedu aktar attenzjoni fil-ġejjieni. Ir-raġuni ewlenija għal dan hija ż-żieda fir-rekwiżiti ta' trasparenza u ta' governanza riflessa fl-emendi tad-Direttiva (UE) 2015/1513.

VIII

Is-segħha ta' superviżjoni tal-Kummissjoni rigward l-implimentazzjoni tal-operazzjonijiet kollha kienet limitata mill-leġiżlatur. Madankollu, il-Kummissjoni teħtieġ awditjar minn parti terza indipendenti.

Il-Kummissjoni qed tissorvelja l-iskemi volontarji skont il-kompetenzi legali previsti mid-DER kif emendata bid-Direttiva (UE) 2015/1513 li tirrikjedi li l-iskemi volontarji jirrapportaw kull sena dwar it-tħaddim tagħhom. F'April 2017 il-Kummissjoni se tippreżenta rapport fuq inizjattiva tagħha dwar it-tħaddim ta' skemi volontarji.

Il-Kummissjoni taqbel li s-sorveljanza u t-trasparenza, inkluż il-proċeduri għall-ilmenti, għandhom jissaħħu.

IX

L-Istati Membri ttrasponew parzjalment id-DER inkluż ċerti kriterji ta' sostenibbiltà għall-bijokarburanti b'dewmien sinifikanti.

F'pajjiżi fejn il-kriterji ta' sostenibbiltà għall-bijokarburanti ma kinux għadhom ġew implimentati anke s-sistema ta' verifika ma kinitx għadha fis-seħħ u ma kienx possibbli li jintwera li l-bijokarburant jikkonforma mal-kriterji ta' sostenibbiltà. Fil-fehma tal-Kummissjoni kien dan li kkaġuna l-kwistjoni tar-rappurtar. Madankollu, il-mira tal-enerġija rinnovabbli fit-trasport għandha tintlaħaq fl-2020. Il-Kummissjoni tinsab kunfidenti li l-Istati Membri se jimplimentaw b'mod korrett id-DER inkluż l-emendi reċenti sal-2020. Jekk ikun meħtieġ, il-Kummissjoni se tieħu l-miżura prevista mit-Trattat, li tinforza l-konformità mad-dritt tal-UE.

X 1. (i)

Il-Kummissjoni parzjalment taċċetta din ir-rakkomandazzjoni. Il-Kummissjoni ma tistax tobbliga li l-iskemi volontarji jkunu jinkludu kriterji soċjoekonomiċi li mhumiex obbligatorji. Madankollu, l-iskemi volontarji jeħtieġ li jirrapportaw darba fis-sena fuq il-bażi tal-attivitajiet ta' ċertifikazzjoni tagħhom kif stipulati fid-DER emendata bid-Direttiva (UE) 2015/1513. Il-Kummissjoni se tqis ir-rapporti li tirċievi mill-iskemi volontarji fir-rapporti tagħha.

X 1. (ii)

Il-Kummissjoni taċċetta din ir-rakkomandazzjoni sa fejn tista' tiġi kkontrollata l-konformità mal-Artikolu 17(6) tad-DER (li huwa marbut mal-istandards tal-KAAT tal-PAK u ma' Direttivi u Regolamenti rilevanti oħra). Il-konformità mal-istandards tal-KAAT tal-PAK u Direttivi u Regolamenti rilevanti oħra hija kkontrollata bħala parti mill-PAK.

X 1. (iii)

Il-Kummissjoni taċċetta din ir-rakkomandazzjoni u taqbel li bijokarburanti bbażati fuq l-iskart, jistħoqqilhom li jiġu koperti minn proċeduri ta' kontroll speċifiċi. Il-Kummissjoni diġà ħadet azzjoni f'dik id-direzzjoni peress li inkludiet l-applikazzjoni ta' miżuri ddedikati fil-valutazzjonijiet kollha tagħha minn Ottubru 2014.

X 2.

Il-Kummissjoni taċċetta din ir-rakkomandazzjoni u taqbel li kemm l-istruttura tal-governanza kif ukoll il-miżuri ta' trasparenza jeħtieġu aktar attenzjoni u diġà ħadet il-passi neċessarji permezz tar-rekwiżiti għal aktar trasparenza u governanza riflessi fl-emendi tad-Direttiva (UE) 2015/1513.

X 3. (i)

Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjoni.

Hija ser tindirizza l-kwistjoni fil-kuntest tar-rappurtar dwar it-tħaddim tal-iskemi volontarji kif previst fid-DER kif emendata bid-Direttiva (UE) 2015/1513. L-implimentazzjoni tal-proċeduri tal-iskema mill-operaturi ekonomiċi hija kkontrollata minn awdituri ta' parti terza indipendenti.

X 3. (ii)

Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjoni u diġà ħadet il-passi neċessarji.

X 4.

Il-Kummissjoni parzjalment taċċetta din ir-rakkomandazzjoni u se tkompli taħdem mal-Istati Membri dwar l-affidabbiltà tad-dejta pprovduta, hekk kif l-Istati Membri se jirċievu tagħrif mill-operaturi ekonomiċi dwar il-konformità mal-kriterji ta' sostenibbiltà. Barra minn hekk, kull ħames snin l-Istati Membri jipprovdu lill-Kummissjoni rapport dwar il-kwalità tad-dejta kollha trażmessa. Madankollu, mhuwiex ġustifikat li tintalab evidenza addizzjonali (ċertifikati/dikjarazzjonijiet) għall-finijiet ta' ġbir ta' dejta statistika partikolari waħda.

X 5.

Il-Kummissjoni taċċetta l-ħtieġa li jkun hemm armonizzazzjoni tad-definizzjoni ta' skart użat għall-produzzjoni ta' bijokarburant avanzat.

Il-leġiżlatur diġà ħa miżuri biex jarmonizza d-definizzjoni ta' skart fid-DER. Id-DER kif emendata bid-Direttiva (UE) 2015/1513 tinkludi definizzjoni ta' skart billi tistabbilixxi rabta mad-Direttiva 2008/98/KE.

Introduzzjoni

05

F'ħafna każijiet, parti mill-ħasda biss tintuża għall-produzzjoni tal-bijokarburanti filwaqt li partijiet oħra, xi kultant il-partijiet prinċipali, jintużaw għal skopijiet ta' ikel u għalf. L-effett ta' spostament ta' bijokarburanti konvenzjonali huwa għalhekk konsiderevolment aktar baxx iżda xorta sinifikanti.

06

Il-Kummissjoni biĥsiebha tippreżenta proposta ta' politika għall-pakkett dwar l-enerġija rinnovabbli sal-aħħar tal-2016.

09

Id-DER kif emendata bid-Direttiva (UE) 2015/1513 tinkludi Anness (l-Anness IX) b'lista ta' materja prima u karburanti rinnovabbli li jgħoddu d-doppju lejn il-mira ta' enerġija rinnovabbli għat-trasport. L-Anness IX ċertament jinkludi skart, residwi u bijomassa oħra mhux tal-ikel, imma ma hemm l-ebda rabta formali ma' dawn id-definizzjonijiet.

Is-sorsi ta' enerġija rinnovabbli kollha kkunsmati fit-trasport, inkluż l-elettriku minn sorsi rinnovabbli, jgħoddu lejn il-mira ta' enerġija rinnovabbli. Huwa mistenni li l-kontribut għall-elettriku rinnovabbli se jkun sinifikanti (~ 2 punti perċentwali).

10

Id-DER, kif emendata bid-Direttiva (UE) 2015/1513 tirrikjedi li t-tnaqqis fl-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra minn bijokarburanti prodotti f'installazzjonijiet ġodda jkun mill-inqas 60 %. Ir-rekwiżit ġenerali se jiżded għal 50 % sa Jannar 2018.

Osservazzjonijiet

28

Id-DER ma tobbligax lill-Istati Membri li jikkontrollaw il-konformità mal-Artikolu 17(6) tad-DER (li huwa marbut mal-istandards tal-KAAT tal-PAK u ma' Direttivi u Regolamenti rilevanti oħra) minkejja li huma parti mill-kriterji. Il-Kummissjoni hija meħtieġa li tirrikonoxxi l-iskemi volontarji għal raġunijiet għajr dawk inklużi fl-Artikolu 17(6) tad-DER.

Tweġiba komuni għall-paragrafi 30 u 31

Il-Kummissjoni mhijiex obligata li tirrikonoxxi l-iskemi volontarji u sa issa rrikonoxxiet biss skemi li jissodisfaw l-Artikolu 17(2)-(5) tad-DER. Għalhekk, lanqas ma kienet meħtieġa li tivvaluta l-konformità ma' kwistjonijiet oħra ta' sostenibbiltà mhux obligatorji.

Il-Kummissjoni tinnota li ma jkunx xieraq li tobbliga skemi volontarji li jinkludu kriterji ta' sostenibbiltà mhux obligatorji, peress li l-leġiżlatur ma ddeċidiex li jinkludihom fis-sett ta' kriterji obligatorji. Rigward b'mod speċifiku l-aspetti tas-sostenibbiltà soċjali (Kaxxa 3), il-Kummissjoni tinnota li l-inklużjoni ta' tali kriterji fl-ambitu ta' ċertifikazzjoni jista' jittqies bħala prassi tajba, iżda tinnota li l-inklużjoni hija fuq bażi volontarja.

Minkejja dan, il-Kummissjoni se tkompli tivvaluta jekk ir-rikonoxximent ta' skemi volontarji għandhiex tiġi estiża għal aspetti ta' sostenibbiltà mhux obligatorji. Ta' min jinnota, madankollu, li l-valutazzjoni ta' skemi fir-rigward ta' kriterji mhux obligatorji hija kumplessa minħabba li dawn huma deskritti f'wisq inqas dettall fit-test leġislattiv mill-kriterji obligatorji.

Kaxxa 3

Il-Kummissjoni tqis li l-inklużjoni ta' tali kriterji fl-ambitu ta' ċertifikazzjoni jista' jittqies bħala prassi tajba, iżda tinnota li l-inklużjoni hija fuq bażi volontarja.

33

Filwaqt li l-Kummissjoni tagħraf in-nuqqas ta' dejta, fir-rapporti kollha, hija pprovdiet referenzi għad-dejta disponibbli, u valutazzjoni tagħha, inkluż studji speċifiċi addizzjonali fir-rigward tal-impatti li l-politika dwar il-bijokarburanti tal-UE għandha fuq il-pajjiżi li qed jiżviluppaw.

Rigward l-aspetti soċjali deskritti fil-Kaxxa 4, il-Kummissjoni tinnotta li, filwaqt li l-esportazzjoni ta' bijokarburanti mill-pajjiżi li qed jiżviluppaw huma limitati, hija pprovdiet rapporti dwar l-impatti tal-politika tal-UE dwar il-bijokarburanti fuq firxa usa' ta' pajjiżi li qed jiżviluppaw f'diversi rapporti ppreżentati fl-2013 u fl-2015 inkluż ukoll fir-rigward tal-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw li ma jesportawx bijokarburanti lejn l-UE¹.

Tweġiba komuni għall-paragrafi 34-37

Id-DER, kif emendata bid-Direttiva (UE) 2015/1513 introduċiet limitu (7 % fil-konsum tal-enerġija tat-trasport) tal-ammont ta' bijokarburanti magħmula mill-ikel li jistgħu jgħoddu biex jintlaħqu l-miri tal-enerġija rinnovabbli. Din il-miżura tillimita l-inċentiv li jintużaw bijokarburanti bbażati fuq kultivazzjonijiet alimentari biex jintlaħqu l-miri tal-enerġija rinnovabbli u għalhekk tillimita r-riskju ta' tibdil indirett fl-użu tal-art li tikkawża l-politika tal-UE dwar il-bijokarburanti.

Il-kriterji ta' sostenibbiltà nfushom ma jkoprux it-tibdil indirett fl-użu tal-art. Għalhekk, ma jistax ikun li l-iskemi volontarji li qed jikkontrollaw il-konformità ma' daww il-kriterji għal kull konsenja ta' bijokarburanti separatament ikunu meħtieġa li jkopru t-tibdil indirett fl-użu tal-art.

Il-Kummissjoni se tanalizza aktar il-kwistjoni u se tippubblika r-riżultati tal-analiżi f'rapport li huwa mistenni fl-aħħar tal-2016.

40

Il-Kummissjoni tirrikonoxxi li l-bijokarburanti bbażati fuq l-iskart jistħoqqilhom li jiġu koperti minn proċeduri ta' verifika speċifiċi. Il-Kummissjoni diġà ħadet azzjoni f'dik id-direzzjoni peress li inkludiet l-applikazzjoni ta' miżuri speċifiċi fil-valutazzjonijiet kollha tagħha minn Ottubru 2014.

Tweġiba komuni għall-paragrafi 41-42

Fin-nota ta' gwida is-servizzi tal-Kummissjoni rreaġixxew għall-iżviluppi fis-suq li ma setgħux jiġu previsti fiż-żmien meta ġew rikonoxxuti l-iskemi volontarji u sejħu għall-implimentazzjoni ta' miżuri speċifiċi biex jiġi kkunsidrat riskju akbar ta' frodi li tfaċċa biż-żmien meta l-Istati Membri implimentaw il-mekkaniżmu ta' kalkolar doppju.

Il-Kummissjoni ħarġet nota għal skemi volontarji biex tiġbed l-attenzjoni dwar is-suġġett u biex tiżgura li l-iskemi kollha jieħdu azzjoni xierqa. Dan ma jindikax li qabel din il-kwistjoni kienet ġiet ittrattata b'mod mhux xieraq. Tabilħaqq safejn nafu aħna ħafna mill-iskemi volontarji rilevanti ħadu azzjoni fuq inizjattiva tagħhom stess. Fil-fehma tal-Kummissjoni l-possibbiltà ta' skemi volontarji għal reazzjoni rapida u b'mod proattiv biex jiġu identifikati l-isfidi huwa wieħed mill-merti tas-sistemi ta' ċertifikazzjoni.

45

Wara l-adozzjoni tad-definizzjoni, il-Kummissjoni talbet li skemi rikonoxxuti parzjalment jippreżentaw il-verifika ta' konformità mad-definizzjoni l-ġdida. Tliet skemi li ġew rikonoxxuti parzjalment biss ippreżentaw aġġornamenti u ġew ivvalutati. L-aġġornament tad-Deċiżjonijiet jinsab għaddej bħalissa.

¹ SWD(2013) 102 final SWD(2015) 117 final

46

Il-valutazzjonijiet tal-Kummissjoni saru skont ir-rekwiżiti stabbiliti mid-DER. Id-DER ma kinitx tinkludi rekwiżiti dwar l-istruttura tal-governanza ta' skemi volontarji u b'hekk l-istruttura tal-governanza ma kinitx il-punt fokali tal-istimi bikrin. Il-fowkus kien li jiġi żgurat li l-operaturi jkunu suġġetti għal verifika minn parti terza li hija espliċitament imsemmija fid-Direttiva.

Il-Kummissjoni tqis, madankollu, li l-istruttura tal-governanza jeħtieġ li tingħata aktar attenzjoni fil-futur sabiex tittejjeb aktar l-aħjar prassi. Ir-raġuni ewlenija għal dan hija ż-żieda fil-limitu tal-kalkolu tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra li jeħtieġ kalkolu spiss tal-iffrankar tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra reali li jeħtieġu skrutinju saħansitra aktar b'saħħtu.

Tweġiba komuni għall-paragrafi 50-51

Is-setgħa superviżorja tal-Kummissjoni rigward l-implimentazzjoni tal-operazzjonijiet kollha ġiet limitata mill-leġiżlatur. Madankollu, il-Kummissjoni teħtieġ awditjar minn parti terza indipendenti.

Il-Kummissjoni qed tissorvelja l-iskemi volontarji skont il-kompetenzi legali previsti mid-DER kif emendata bid-Direttiva (UE) 2015/1513 li tirrikjedi li l-iskemi volontarji jirrapportaw kull sena dwar it-tħaddim tagħhom. F'April 2017 il-Kummissjoni se tippreżenta rapport fuq inizjattiva tagħha dwar it-tħaddim ta' skemi volontarji.

53

Il-Kummissjoni daħlet fi djalogu mal-iskemi bil-għan li tiċċara s-sitwazzjoni u biex tfittex titjib. Bħalissa l-Kummissjoni qed teżamina każ speċifiku u għalhekk huwa kmieni wisq biex il-Kummissjoni tikkummenta f'dan l-istadju.

Madankollu, b'mod ġenerali l-ħtieġa li tissaħħaħ il-governanza interna ta' skemi li ddaħħlet fil-valutazzjonijiet kontinwi tista' tikkontribwixxi favur sorveljanza aħjar tal-implimentazzjoni tar-regoli tal-iskema mill-korpi ta' ċertifikazzjoni.

54

Ħafna skemi volontarji joperaw globalment. Dan ifisser fil-prattika li l-awditur li qed jivverifika l-konformità għandu ħafna responsabbiltà u jeħtieġ li jiddeċiedi fuq bażi ta' każ b'każ dwar jekk il-provi fornuti jipprovdux biżżejjed garanzija li l-kriterji ta' sostenibbiltà intlaħqu. Il-Kummissjoni tħeġġeġ biex l-iskemi volontarji jidħlu fi djalogu mill-qrib mal-awdituri biex jibqgħu kontinwament itejbu l-istandards ta' ċertifikazzjoni.

55

Għalkemm ma hemm l-ebda sistema speċifika għall-ilmenti, il-partijiet ikkonċernati għandhom il-possibilità li jikkuntattjaw lill-Kummissjoni jekk ikollhom tħassib rigward it-tħaddim tal-iskemi volontarji. Tabilħaqq, l-iskema ta' sostenibbiltà għall-bijokarburanti hija suġġett tekniku ħafna li jeħtieġ għarfien espert u l-partijiet ikkonċernati huma mistennija li jkunu konxji li l-iskema ġiet rikonoxxuta mill-Kummissjoni.

56

Id-DER tistipula b'mod ċar li l-Istati Membri huma obbligati li jaċċettaw l-evidenza mill-iskemi volontarji. Sakemm din id-dispożizzjoni tiġi rispettata, l-Istati Membri huma mistiedna biex jikkontribwixxu għat-titjib tal-proċessi ta' ċertifikazzjoni. Fil-fehma tal-Kummissjoni ma hemm xejn pereżempju li huwa kontroindikattiv għall-involvement tal-Istati Membri fis-superviżjoni tal-entitajiet ta' ċertifikazzjoni minħabba li l-korpi ta' ċertifikazzjoni huma stess mhumieq rikonoxxuti mill-Kummissjoni. Madankollu, l-Istati Membri ma għandhomx jiddubitaw il-validità ta' ċertifikati maħruġin minn skemi volontarji.

Rigward il-każ speċifiku tal-Polonja msemmi fil-Kaxxa 5, il-Kummissjoni bħalissa qed tivverifika l-konformità tar-rekwiżit mal-liġi tal-UE.

58

Dawn in-noti mhumiex legalment vinkolanti għall-iskemi volontarji u huma mmirati biex jipromwovu l-aħjar prassi billi jindikaw x'tista' teħtieġ il-Kummissjoni fil-futur. Il-Kummissjoni se tinforza l-adattament ta' standards oġhla meta l-iskemi volontarji japplikaw għal estensjoni tar-rikonnoxximent.

Il-Kummissjoni tista' wkoll tħassar id-deċiżjonijiet jekk jintwera b'mod ċar li l-iskema ma tkunx implimentat elementi meqjusa bħala deċiżivi għal din id-Deċiżjoni u jekk ikun hemm ksur serju u strutturali ta' dawk l-elementi.

Tweġiba komuni għall-paragrafi 59-60

Il-Kummissjoni tagħti l-oġhla importanza għat-trasparenza.

Ir-rekwiżit ta' trasparenza inkluż fid-DER huwa indirizzat permezz ta' sit web speċifiku². Huwa jinkludi wkoll ħafna informazzjoni utli li mhijiex legalment meħtieġa, bħal informazzjoni dwar avvenimenti ġodda u d-dokumenti rilevanti tal-Kummissjoni. L-informazzjoni kollha meħtieġa mill-Istati Membri tista' tinstab fuq dan is-sit web u l-paġni f'link. Bħala parti wkoll minn din is-sit web paġna li hija speċifika għat-tipi ta' informazzjoni msemmija fid-DER għet stabbilita³.

61

Fil-qafas ta' valutazzjoni aġġornat maħruġ f'Novembru 2015, il-Kummissjoni teħtieġ verifika sħiħa mill-awdituri tal-partijiet terzi. L-awdituri għandhom jeħtieġu aċċess għall-informazzjoni rilevanti kollha. Jekk is-sistema ma tinkludix din l-informazzjoni ma għandhiex tiġi aċċettata fl-iskema. L-awdituri għandhom ukoll jeħtieġu aċċess għall-informazzjoni dwar materjal li huwa ċċertifikat taħt l-isem ta' skemi volontarji oħrajn. L-iskemi volontarji jridu jippubblikaw l-ismijiet tal-operaturi li huma jew li kienu ċċertifikati taħt l-iskema. Dan se jtejjeb it-trasparenza u l-iskambju ta' informazzjoni.

66

Kien biss fl-2015 li l-Polonja ttrasponiet id-DER, inkluż l-iskema ta' sostenibbiltà tal-UE għall-bijokarburanti. Għalhekk, matul il-perjodu 2011-2014, id-dispożizzjonijiet tad-DER ma kinux għadhom fis-seħħ. L-Istati Membri għandhom jiżguraw il-kwalità tad-dejta trażmessa. Il-Kummissjoni ma għandha l-ebda mezz legali biex tikkontesta d-dejta tal-2014 dwar il-bijokarburanti sostenibbli.

Madankollu, sadanittant il-Polonja ttrasponiet id-DER. Il-Kummissjoni tinsab konfidenti li fl-2020 il-Polonja u Stati Membri oħra se jimplementaw id-DER b'mod korrett, inkluż l-emendi reċenti sal-2020. Jekk ikun meħtieġ, il-Kummissjoni se tiegħu l-miżura prevista mit-Trattat, li tinforza l-konformità mal-liġi tal-UE.

2 <https://ec.europa.eu/energy/en/topics/renewable-energy>

3 <https://ec.europa.eu/energy/en/renewable-energy-transparency-platform>

67

L-Istati Membri għandhom jiggarantixxu l-kwalità tad-dejta trażmessa. Fid-dejta li ttrażmettew lill-Eurostat, Franza rrapportat valur żero u l-Polonja rrapportat valur mhux żero. Id-dejta kollha rrapportata għaddiet mir-regoli ta' validazzjoni (kontrolli ta' plawżibbiltà, koerenza u konsistenza) abbażi tal-informazzjoni disponibbli lill-Eurostat f'dak iż-żmien. L-Eurostat ippubblika d-dejta kif trażmessa mill-pajjiżi mingħajr tibdil jew modifiki.

72

L-implimentazzjoni ta' miżuri sabiex tiġi miġġielda l-frodi hija r-responsabbiltà tal-Istati Membri. Il-Kummissjoni qed tappoġġa l-isforzi tal-Istati Membri biex jittaffa r-riskju ta' frodi u ħolqot grupp ta' ħidma fil-Kumitat dwar is-sostenibbiltà tal-bijokarburanti u l-bijolikwidi li se janalizza diversi aspetti u miżuri li huma rilevanti f'dan il-kuntest. Dan is-suġġett tqies ukoll fid-DER kif emendata bid-Direttiva (UE) 2015/1513 li qed titlob lill-Istati Membri biex jirrapportaw dwar il-miżuri li ħadu kontra l-frodi u qed issejjaħ għal kooperazzjoni aħjar fost is-sistemi nazzjonali u bejn is-sistemi nazzjonali u l-iskemi volontarji.

Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

74

Il-Kummissjoni tikkunsidra li l-iskemi volontarji jipprovdu garanzija li l-bijokarburanti ċertifikati jikkonformaw mal-kriterji obligatorji li għalihom l-iskemi ġew rikonoxxuti fuq il-bażi ta' valutazzjonijiet komprensivi tal-iskemi volontarji ċertifikati kollha. Madankollu, il-Kummissjoni hija dejjem lesta li tippromwovi l-iżvilupp ulterjuri ta' standards biex is-sistema tkompli tittejjeb dejjem aktar, biex jiġu indirizzati l-isfidi li qed jiġu ffaċċjati matul it-tħaddim tas-sistema u biex jiġi kkunsidrat it-tibdil tal-bażi ġuridika.

75

Id-DER tiddefinixxi għadd ta' kriterji obligatorji ta' sostenibbiltà għall-bijokarburanti li jridu jiġu rrispettati biex ikunu eliġibbli għas-sostenn u biex jiġu kkunsidrati fil-miri tal-enerġija rinnovabbli. Il-valutazzjonijiet ta' skemi volontarji koprew b'mod adegwat dawn il-kriterji ta' sostenibbiltà mandatorji.

Ħafna skemi volontarji jinkludu kriterji ta' sostenibbiltà mhux obligatorji addizzjonali. Dan jista' jittqies bħala prassi tajba iżda hu strettament volontarju. L-iskemi volontarji ma ġewx ivvalutati dwar sa liema punt huma jkopru wkoll kriterji mhux obligatorji. Għaldaqstant, l-ebda skema volontarja ma kienet rikonoxxuta fil-kunsiderazzjoni ta' dawn il-kwistjonijiet.

Fil-fehma tal-Kummissjoni, ma jkunx xieraq li jkun obligu li l-iskemi volontarji jkunu jinkludu kriterji ta' sostenibbiltà mhux obligatorji. Kieku l-inklużjoni ta' dawn il-kriterji kellha tkun obligatorja, il-leġiżlatur kien ikun iddeċieda li dawn jiġu inklużi fis-sett ta' kriterji obligatorji.

Il-Kummissjoni se tkompli tivvaluta jekk ir-rikonoxximent ta' skemi volontarji għandux jiġi estiż għal aspetti ta' sostenibbiltà mhux obligatorji. Ta' min jinnota, madankollu, li l-valutazzjoni ta' skemi fir-rigward ta' kriterji mhux vinkolanti hija kumplessa minħabba li dawn huma deskritti f'wisq inqas dettall fit-test leġiżlattiv mill-kriterji obligatorji. Barra minn hekk, ir-rikonoxximent ma jkollux konsegwenzi legali diretti.

Sabiex ittaffi r-riskju ta' tibdil indirett fl-użu tal-art d-DER, kif emendata bid-Direttiva (UE) 2015/1513, tinkludi limitu (7 % fil-konsum tal-enerġija tat-trasport) tal-ammont ta' bijokarburanti magħmula mill-ikel li jistgħu jgħoddu biex jintlaħqu l-miri tal-enerġija rinnovabbli. Il-kriterji ta' sostenibbiltà nfushom ma jkoprux it-tibdil indirett fl-użu tal-art. Għalhekk, l-iskemi volontarji li jikkontrollaw il-konformità mal-kriterji obligatorji għal kull konsenja ta' bijofjuwil separatament ma jistgħux ikunu meħtieġa li jkopru tibdil indirett fl-użu tal-art.

76

Rigward il-materja prima konvenzjonali, it-traċċabilità hija ggarantita mid-dispożizzjonijiet tad-Direttiva. Bin-nota ta' gwida is-servizzi tal-Kummissjoni rreaġixxew għall-iżviluppi fis-suq li ma setgħux jiġu previsti fiż-żmien meta l-ewwel ġew rikonoxxuti l-iskemi volontarji u sejħu għall-implimentazzjoni ta' miżuri speċifiċi biex jiġi kkunsidrat riskju akbar ta' frodi li tfaċċa biż-żmien meta l-Istati Membri implimentaw il-mekkaniżmu ta' kalkolar doppju fl-obbligazzjonijiet ta' forniment.

77

Il-Kummissjoni hi obbligata li taħdem fil-qafas stabbilit minn leġislatur. Għaldaqstant, hija trid taċċetta li d-DER ma tobbligax lill-Istati Membri li jikkontrollaw il-konformità mal-Artikolu 17(6) tad-DER (li huwa marbut mal-istandards tal-KAAT tal-PAK u ma' Direttivi u Regolamenti rilevanti oħra) minkejja li huma parti mill-kriterji. Il-Kummissjoni hija meħtieġa li torganizza skemi volontarji għal raġunijiet diversi minn dawk inklużi fl-Artikolu 17(6) tal-DER. Għaldaqstant, ma kienx ikun xieraq li dan l-element jiġi inkluż fil-valutazzjoni tal-iskemi volontarji.

Rakkomandazzjoni 1 (a)

Il-Kummissjoni parzjalment taċċetta din ir-rakkomandazzjoni. Il-Kummissjoni ma tistax tobbliga li l-iskemi volontarji jinkludu kriterji soċjoekonomiċi għaliex dawn mhumiex obligatorji. Madankollu, l-iskemi volontarji għandhom jir-rappurtaw darba fis-sena fuq il-bażi tal-attivitajiet ta' ċertifikazzjoni tagħhom kif stipulat fid-DER kif emendata bid-Direttiva (UE) 2015/1513 li stipula dwar liema kwistjoni l-iskemi volontarji għandhom jirrapportaw (l-Artikolu 18(6)). Dawn ir-rekwiżiti ta' rappurtar legali jiffukaw fuq suġġetti marbutin mal-awditjar iżda l-iskema tista' ċertament tuża l-opportunità biex tinkludi wkoll suġġetti oħra. Il-Kummissjoni se tqis ir-rapporti li tirċievi mill-iskemi volontarji fir-rapporti tagħha.

Rakkomandazzjoni 1 (b)

Il-Kummissjoni taċċetta din ir-rakkomandazzjoni sa fejn tista' tiġi kkontrollata l-konformità mal-Artikolu 17(6) tad-DER (li huwa marbut mal-istandards tal-KAAT tal-PAK u ma' Direttivi u Regolamenti rilevanti oħra). Madankollu, id-DER ma tobbligax li l-Istati Membri jikkontrollaw il-konformità mal-Artikolu 17(6) ta-DER minkejja jiffirma parti mill-kriterji. Il-Kummissjoni hija meħtieġa li tirrikonoxxi l-iskemi volontarji għal raġunijiet diversi minn dawk inklużi fl-Artikolu 17(6) tad-DER. Il-konformità mal-istandards tal-KAAT tal-PAK u ma' direttivi u Regolamenti rilevanti oħra hija vverifikata fil-kuntest tal-PAK.

Rakkomandazzjoni 1 (c)

Il-Kummissjoni taċċetta din ir-rakkomandazzjoni u taqbel li bijokarburanti bbażati fuq l-iskart, jistħoqqilhom li jiġu koperti minn proċeduri ta' kontroll speċifiċi Il-Kummissjoni diġà ħadet azzjoni f'dik id-direzzjoni peress li inkludiet l-applikazzjoni ta' miżuri speċifiċi fil-valutazzjonijiet kollha tagħha minn Ottubru 2014.

78

Il-Kummissjoni tagħti l-oġġla importanza dejjem għat-trasparenza u diġà ħadet azzjoni. Is-servizzi tagħha ħarġu nota ta' gwida għall-iskemi volontarji li titlob l-implimentazzjoni ta' għadd ta' miżuri ta' trasparenza. Dan sar parzjalment sabiex jiġi żgurat li l-iskemi volontarji jħejju ruħhom minn stadju bikri għall-ħtieġa akbar li t-trasparenza tiġi riflessa fid-Direttiva (UE) 2015/1513 li f'dak iż-żmien kienet fi stadju finali tan-negozjati. Dawn il-miżuri se jiġu eżegwiti meta l-iskemi volontarji japplikaw għal tiġdid tar-rikonoxximent. Dan il-proċess diġà jinsab għaddej.

Rakkomandazzjoni 2 (a)

Il-Kummissjoni taċċetta din ir-rakkomandazzjoni u tqis li għandhom jiġu kkunsidrati l-kunflitti ta' interess potenzjali inkluż is-sjeda ta' dawn l-iskemi. Il-Kummissjoni diġà ħadet azzjoni f'din id-direzzjoni u qed tintroduċi fil-valutazzjonijiet tagħha analiżi dwar is-sjeda u l-istruttura ta' governanza tal-iskemi volontarji.

Rakkomandazzjoni 2 (b)

Il-Kummissjoni taċċetta din ir-rakkomandazzjoni u tqis li l-iskemi volontarji jeħtieġ li jissodisfaw rekwiżiti minimi tat-trasparenza. Hija titlobhom biex jipubblikaw sett ta' informazzjoni li huwa simili ħafna għas-suġġerimenti li għamlet il-Qorti. Barra minn hekk, f'April 2017 il-Kummissjoni se tirrapporta dwar it-tħaddim tal-iskemi volontarji. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni se jkollha l-opportunità li tivvaluta l-ħtieġa li tkompli tispeċifika d-dejta li għandha tiġi ppubblikata mill-iskemi u li jiġu speċifikati rekwiżiti ta' awditjar għal skemi volontarji f'att ta' implimentazzjoni.

79

Is-setgħa superviżorja tal-Kummissjoni rigward l-implimentazzjoni tal-operazzjonijiet kollha ġiet limitata mil-leġiżlatur.

Id-DER, kif emendata bid-Direttiva (UE) 2015/1513 tippredvi proċedura kif it-tħaddim tal-iskemi volontarji huwa sorveljat.

L-iskemi volontarji huma obbligati li jirrapportaw kull sena lill-Kummissjoni dwar it-tħaddim tal-iskema.

Il-Kummissjoni mbagħad tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill u tista' wkoll, jekk jitqies xieraq, tispeċifika rekwiżiti ta' verifika għal skemi volontarji f'att ta' implimentazzjoni. Madankollu, is-superviżjoni ma tinkludix kontrolli fuq il-post fil-bini ta' operatori ekonomiċi li huma ċċertifikati minn skemi volontarji minħabba li d-DER tqiegħed ir-responsabbiltà għall-kontroll tal-l-implimentazzjoni tar-regoli tal-iskema fuq il-parti terza tal-awditjar.

Rakkomandazzjoni 3 (a)

Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjoni.

Hija ser tindirizza l-kwistjoni fil-kuntest tar-rappurtar dwar it-tħaddim tal-iskemi volontarji kif previst fid-DER kif emendata bid-Direttiva (UE) 2015/1513. L-implimentazzjoni tal-proċeduri tal-iskema mill-operaturi ekonomiċi hija kkontrollata minn awdituri indipendenti ta' parti terza.

Rakkomandazzjoni 3 (b)

Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjoni li l-iskemi volontarji għandu jkollhom sistema ta' lment u dan hu diġà meħtieġ fil-qafas tal-valutazzjonijiet tagħha. Madankollu, il-Kummissjoni tqis li huwa meħtieġ li ssir aktar valutazzjoni qabel ma tistipula rekwiżiti tekniċi dettaljati ta' tali sistema ta' lment. Valutazzjoni bħal din se titwettaq fil-kuntest tar-rappurtar dwar it-tħaddim tal-iskemi volontarji kif previst fid-DER kif emendata bid-Direttiva (UE) 2015/1513. L-ewwel rapport huwa mistenni fi April 2017.

80

L-Istati Membri jaqblu li l-Istati Membri għandhom jiggarantixxu l-kwalità tad-dejta trażmessa.

Rakkomandazzjoni 4

Il-Kummissjoni parzjalment taċċetta din ir-rakkomandazzjoni u se tkompli taħdem mal-Istati Membri dwar l-affidabbiltà tad-dejta fornuta, peress li l-Istati Membri se jirċievu tagħrif mill-operaturi ekonomiċi dwar il-konformità mal-kriterji ta' sostenibbiltà. Barra minn hekk, kull ħames snin l-Istati Membri jipprovdu lill-Kummissjoni rapport dwar il-kwalità tad-dejta kollha trażmessa. Madankollu, mhuwiex ġustifikat li tintalab evidenza addizzjonali (ċertifikati/dikjarazzjonijiet) għall-finijiet ta' ġbir ta' dejta statistika partikolari waħda.

81

Il-leġiżlatur diġa' ħa miżuri biex jarmonizza d-definizzjoni ta' skart fid-DER. Id-DER kif emendata bid-Direttiva (UE) 2015/1513 tinkludi definizzjoni ta' skart billi tistabbilixxi rabta mad-Direttiva 2008/98/KE.

Id-DER, kif emendata bid-Direttiva (UE) 2015/1513 tippredvi tabilħaqq ta' klawżola ta' "anterjorità" li tippermetti li l-Istati Membri jgħoddu l-bijokarburanti prodotti minn sustanzi li ġew stabbiliti li huma skart mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u huma użati f'installazzjonijiet eżistenti qabel l-adozzjoni tad-Direttiva (UE) 2015/1513 għall-mira nazzjonali għall-karburanti rinnovabbli avvanzati. Il-karburanti, madankollu, ma għandhomx jgħoddu darbtejn kontra tal-mira tal-enerġija rinnovabbli fit-trasport. Fil-fehma tal-Kummissjoni din id-dispożizzjoni legali tista' tabilħaqq teassal għal sitwazzjoni fejn ċerti tipi ta' bijokarburanti jiġu ttrattati b'mod differenti fl-Istati Membri u dan huwa permess mid-DER fil-limiti stabbiliti fiha.

Rakkomandazzjoni 5

Il-Kummissjoni taċċetta l-ħtieġa li jkun hemm armonizzazzjoni tad-definizzjoni ta' skart użat għall-produzzjoni ta' bijokarburant avvanzat.

Il-leġiżlatur diġa' ħa miżuri biex jarmonizza d-definizzjoni ta' skart fid-DER. Id-DER kif emendata bid-Direttiva (UE) 2015/1513 tinkludi definizzjoni ta' skart billi tistabbilixxi rabta mad-Direttiva 2008/98/KE.

Miżuri għal aktar armonizzazzjoni tal-karburanti rinnovabbli avvanzati jistgħu jitqiesu għall-politika dwar l-enerġija rinnovabbli wara l-2020.

KIF GĦANDEK TAGĦMEL BIEX TIKSEB IL-PUBBLIKAZZJONIJIET TAL-UE

Pubblikazzjonijiet bla ħlas:

- kopja waħda:
permezz tal-EU Bookshop (<http://bookshop.europa.eu>);
- iżjed minn kopja waħda jew posters/mapep:
mir-rappreżentanzi tal-Unjoni Ewropea (http://ec.europa.eu/represent_mt.htm),
mid-delegazzjonijiet f'pajjiżi li mhumiex fl-UE (http://eeas.europa.eu/delegations/index_mt.htm),
billi tikkuntatja s-servizz Europe Direct (http://europa.eu/europedirect/index_mt.htm)
jew ċempel 00 800 6 7 8 9 10 11 (numru tat-telefown bla ħlas minn kullimkien fl-UE) (*).

(* L-informazzjoni mogħtija hija b'xejn, kif ukoll it-telefonati ġeneralment huma b'xejn (għalkemm xi operaturi, kabini tat-telefown jew lukandi jistgħu jitolbu ħlas).

Pubblikazzjonijiet bi ħlas:

- permezz tal-EU Bookshop (<http://bookshop.europa.eu>).

Avveniment	Data
Adozzjoni tal-APM / Bidu tal-awditu	11.3.2015
L-abbozz tar-rapport jintbagħat uffiċjalment lill-Kummissjoni (jew lil parti awditjata oħra)	31.3.2016
Adozzjoni tar-rapport finali wara l-proċedura kontradittorja	25.5.2016
Ir-risposti uffiċjali tal-Kummissjoni (jew ta' parti awditjata oħra) riċevuti bil-lingwi kollha	22.6.2016

L-Istati Membri jridu jiżguraw li s-sehem tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli fit-trasport fl-2020 ikun mill-inqas 10 % tal-konsum finali tal-enerġija f'dan is-settur. Għall-ilħuq ta' din il-mira, huma jistgħu jqisu l-bijokarburanti ċċertifikati bħala sostenibbli minn skemi volontarji rikonoxxuti mill-Kummissjoni.

Aħna nikkonkludu li, minħabba fi dgħufijiet fil-proċedura ta' rikonoxximent tal-Kummissjoni, u fis-superviżjoni sussegwenti tal-iskemi volontarji, is-sistema taċ-ċertifikazzjoni tal-UE għas-sostenibbiltà tal-bijokarburanti mhjiex kompletament affidabbli.

Rigward l-ilħuq tal-mira ta' 10 % fit-trasport, aħna sibna li l-istatistika tista' tkun stmata b'mod eċċessiv, minħabba li l-Istati Membri jistgħu jirrappurtaw bħala sostenibbli ċertu bijokarburanti li s-sostenibbiltà tagħhom ma tkunx ġiet i-verifikata.



IL-QORTI
EWROPEA
TAL-AWDITURI



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet